					GS SI	
12 08 000 000	2/4	Numru ta' referenza/UCR			C	
					GS SI	
12 09 000 000	2/5	LRN			A	A
					D	D

E.D. Nru	E.D. qadim Nru	Element/isem tal-klassi tad-data	Isem tas-subelement/subklassi tad-data	Isem tas-subelement tad-*data*	I1	I2
12 12 000 000	ĠDID	Awtorizzazzjoni			A [60]	A [1] [60]
					D SI	D SI
12 12 002 000			Tip		A [63] [73]	A [1] [63] [73]
					D SI	D SI
12 12 001 000			Numru ta' referenza		A [60]	A [1] [60]
					D SI	D SI
12 12 080 000			Detentur tal-awtorizzazzjoni		A [63]	A [1] [63]
					D SI	D SI

E.D. Nru	E.D. qadim Nru	Element/isem tal-klassi tad-data	Isem tas-subelement/subklassi tad-data	Isem tas-subelement tad-*data*	I1	I2
13 01 000 000	3/1	Esportatur			A	
					GS SI	
13 01 016 000			Isem		A [6]	
					GS SI	
13 01 017 000	3/2		Numru ta' identifikazzjoni		A [66]	
					GS SI	
13 01 018 000			Indirizz		A [6]	
					GS SI	
13 01 018 019				Triq u numru	A	
					GS SI	
13 01 018 020				Pajjiż	A	
					GS SI	

E.D. Nru	E.D. qadim Nru	Element/isem tal-klassi tad-data	Isem tas-subelement/subklassi tad-data	Isem tas-subelement tad-*data*	I1	I2
13 01 018 021				Kodiċi postali	A	
					GS SI	
13 01 018 022				Belt	A	
					GS SI	
13 04 000 000	3/15	Importatur			A	
					D	
13 04 016 000			Isem		A [6]	
					D	
13 04 017 000	3/16		Numru ta' identifikazzjoni		A	
					D	
13 04 018 000			Indirizz		A [6]	
					D	
13 04 018 019				Triq u numru	A	
					D	
13 04 018 020				Pajjiż	A	
					D	

E.D. Nru	E.D. qadim Nru	Element/isem tal-klassi tad-data	Isem tas-subelement/subklassi tad-data	Isem tas-subelement tad-*data*	I1	I2
13 04 018 021				Kodiċi postali	A	
					D	
13 04 018 022				Belt	A	
					D	
13 05 000 000	3/17	Dikjarant			A	A
					D	D
13 05 016 000			Isem		A [6]	A [6]
					D	D
13 05 017 000	3/18		Numru ta' identifikazzjoni		A	A
					D	D
13 05 018 000			Indirizz		A [6]	A [6]
					D	D
13 05 018 019				Triq u numru	A	A
					D	D
13 05 018 020				Pajjiż	A	A
					D	D

E.D. Nru	E.D. qadim Nru	Element/isem tal-klassi tad-data	Isem tas-subelement/subklassi tad-data	Isem tas-subelement tad-*data*	I1	I2
13 05 018 021				Kodiċi postali	A	A
					D	D
13 05 018 022				Belt	A	A
					D	D
13 05 074 000			Persuna ta' kuntatt		C	
					D	
13 05 074 016				Isem	A	
					D	
13 05 074 075				Numru tat-telefown	A	
					D	
13 05 074 076				Indirizz tal-posta elettronika	A	
					D	
13 06 000 000	3/19	Rappreżentant			A	A
					D	D
13 06 017 000	3/20		Numru ta' identifikazzjoni		A	A
					D	D
13 06 030 000	3/21		Status		A	A
					D	D

E.D. Nru	E.D. qadim Nru	Element/isem tal-klassi tad-data	Isem tas-subelement/subklassi tad-data	Isem tas-subelement tad-*data*	I1	I2
13 06 074 000			Persuna ta' kuntatt		C	
					D	
13 06 074 016				Isem	A	
					D	
13 06 074 075				Numru tat-telefown	A	
					D	
13 06 074 076				Indirizz tal-posta elettronika	A	
					D	
13 14 000 000	3/37	Attur addizzjonali fil-katina tal-provvista			C	
					GS SI	
13 14 031 000			Rwol		A	
					GS SI	
13 14 017 000			Numru ta' identifikazzjoni		A	
					GS SI	
13 16 000 000	3/40	Referenza fiskali addizzjonali			A	
					GS SI	

E.D. Nru	E.D. qadim Nru	Element/isem tal-klassi tad-data	Isem tas-subelement/subklassi tad-data	Isem tas-subelement tad-*data*	I1	I2
13 16 031 000			Rwol		A	
					GS SI	
13 16 034 000			Numru tal-identifikazzjoni tal-VAT		A	
					GS SI	
13 21 000 000	3/46	Persuna li tħallas id-dazju doganali			A	
					D	
13 21 017 000			Numru ta' identifikazzjoni		A	
					D	
14 05 000 000	4/10	Munita tal-fattura			A [2]	
					GS	
14 06 000 000	4/11	Ammont totali fatturat			C	
					GS	
14 08 000 000	4/14	Ammont tal-oġġett fatturat			A [2]	
					SI	

E.D. Nru	E.D. qadim Nru	Element/isem tal-klassi tad-data	Isem tas-subelement/subklassi tad-data	Isem tas-subelement tad-*data*	I1	I2
14 11 000 000	4/17	Preferenza			A [2]	
					SI	
16 06 000 000	5/14	Pajjiż tad-dispaċċ			A [2]	
					GS SI	
16 08 000 000	5/15	Pajjiż ta' oriġini			A [2] [20]	
					SI	
16 09 000 000	5/16	Pajjiż ta' oriġini preferenzjali			A [2] [21]	
					SI	
16 15 000 000	5/23	Post tal-merkanzija			A	A
					GS	GS
16 15 045 000			Tip ta' post		A	A
					GS	GS
16 15 046 000			Kwalifikatur tal-identifikazzjoni		A	A
					GS	GS

E.D. Nru	E.D. qadim Nru	Element/isem tal-klassi tad-data	Isem tas-subelement/subklassi tad-data	Isem tas-subelement tad-*data*	I1	I2
16 15 036 000			UN/LOCODE		A	A
					GS	GS
16 15 047 000			Uffiċċju doganali		A	A
					GS	GS
16 15 047 001				Numru ta' referenza	A	A
					GS	GS
16 15 048 000			GNSS		A	A
					GS	GS
16 15 048 049				Latitudni	A	A
					GS	GS
16 15 048 050				Lonġitudni	A	A
					GS	GS
16 15 051 000			Operatur ekonomiku		A	A
					GS	GS
16 15 051 017				Numru ta' identifikazzjoni	A	A
					GS	GS
16 15 052 000			Numru tal-awtorizzazzjoni		A	A
					GS	GS

E.D. Nru	E.D. qadim Nru	Element/isem tal-klassi tad-data	Isem tas-subelement/subklassi tad-data	Isem tas-subelement tad-*data*	I1	I2
16 15 053 000			Identifikatur addizzjonali		A	A
					GS	GS
16 15 018 000			Indirizz		A	A
					GS	GS
16 15 018 019				Triq u numru	A	A
					GS	GS
16 15 018 021				Kodiċi postali	A	A
					GS	GS
16 15 018 022				Belt	A	A
					GS	GS
16 15 018 020				Pajjiż	A	A
					GS	GS
16 15 081 000			Indirizz bil-kodiċi postali		A	A
					GS	GS
16 15 081 021				Kodiċi postali	A	A
					GS	GS
16 15 081 025				Numru tad-Dar	A	A
					GS	GS

E.D. Nru	E.D. qadim Nru	Element/isem tal-klassi tad-data	Isem tas-subelement/subklassi tad-data	Isem tas-subelement tad-*data*	I1	I2
16 15 081 020				Pajjiż	A	A
					GS	GS
17 09 000 000	5/26	Uffiċċju doganali ta' preżentazzjoni			A [22]	A [22]
					D	D
17 09 001 000			Numru ta' referenza		A	A
					D	D
17 10 000 000	5/27	Uffiċċju doganali tas-sorveljanza			A [23]	
					D	
17 10 001 000			Numru ta' referenza		A	
					D	
18 01 000 000	6/1	Massa netta			A [2]	
					SI	
18 02 000 000	6/2	Unitajiet supplimentari			A [2]	
					SI	
18 04 000 000	6/5	Massa grossa			A	A [25]
					GS SI	GS SI

E.D. Nru	E.D. qadim Nru	Element/isem tal-klassi tad-data	Isem tas-subelement/subklassi tad-data	Isem tas-subelement tad-*data*	I1	I2
18 05 000 000	6/8	Deskrizzjoni tal-merkanzija			A	A
					SI	SI
18 06 000 000	ĠDID	Ippakkjar			A	A [25]
					SI	SI
18 06 003 000	6/9		Tip ta' pakketti		A	A [25]
					SI	SI
18 06 004 000	6/10		Numru ta' pakketti		A	A [25]
					SI	SI
18 06 054 000	6/11		Marki tat-trasport		A	
					SI	
18 08 000 000	6/13	Kodiċi tal-Unjoni Doganali u l-Istatistika (CUS)			C	
					SI	
18 09 000 000	ĠDID	Kodiċi tal-komodità			A	
					SI	
18 09 056 000	ĠDID		Kodiċi tas-subintestatura tas-Sistema Armonizzata		A	
					SI	

E.D. Nru	E.D. qadim Nru	Element/isem tal-klassi tad-data	Isem tas-subelement/subklassi tad-data	Isem tas-subelement tad-*data*	I1	I2
18 09 057 000	6/14		Kodiċi tan-nomenklatura magħquda		A	
					SI	
18 09 058 000	6/15		Kodiċi tat-TARIC		A	
					SI	
18 09 059 000	6/16		Kodiċi addizzjonali tat-TARIC		A	
					SI	
18 09 060 000	6/17		Kodiċi nazzjonali addizzjonali		B [58]	
					SI	
19 07 000 000	ĠDID	Tagħmir tat-trasport			A [62]	A [62]
					GS	GS
19 07 063 000	7/10		Numru ta' identifikazzjoni tal-kontejner		A	A
					GS	GS
19 07 044 000			Referenza tal-merkanzija		A	A
					GS	GS
99 01 000 000	8/1	Numru tal-ordni tal-kwota			A [2]	
					SI	

Taqsima 13

Noti

Numru tan-nota	Deskrizzjoni tan-nota
[1]	Din l-informazzjoni ma għandhiex tkun meħtieġa f'każ li dikjarazzjoni doganali tkun ġiet ippreżentata qabel il-preżentazzjoni tal-merkanzija skont l-Artikolu 171 tal-Kodiċi.
[2]	Fil-każijiet fejn japplika l-Artikolu 166(2) tal-Kodiċi (dikjarazzjonijiet issimplifikati bbażati fuq l-awtorizzazzjonijiet), l-Istati Membri jistgħu jirrinunzjaw għall-obbligu li tingħata din l-informazzjoni fejn il-kundizzjonijiet preskritti fl-awtorizzazzjonijiet marbuta mal-proċeduri kkonċernati jippermettulhom jiddifferixxu l-ġbir ta' dan l-element tad-data fid-dikjarazzjoni supplimentari.
[3]	Dan l-element huwa alternattiva għan-numru ta' referenza uniku tal-konsenja [UCR] meta dan tal-aħħar ma jkunx disponibbli. Jipprovdi rabta ma' sorsi oħra siewja ta' informazzjoni.
[4]	Din l-informazzjoni trid tingħata biss fejn japplika l-Artikolu 166(2) tal-Kodiċi (dikjarazzjonijiet issimplifikati bbażati fuq l-awtorizzazzjonijiet); f'dan il-każ, ikun in-numru tal-awtorizzazzjoni għal proċedura ssimplifikata. Madankollu, dan l-element ta' data jista' jinkludi wkoll in-numru tad-dokument tat-trasport ikkonċernat.
[5]	Din l-informazzjoni hija meħtieġa biss fejn id-dikjarazzjoni dwar it-tqegħid ta' merkanzija taħt proċedura doganali tintuża għar-rilaxx ta' proċedura ta' ħażna doganali.
[6]	Fejn jingħata n-numru EORI jew in-numru uniku ta' identifikazzjoni ta' pajjiż terz rikonoxxut mill-Unjoni, l-isem u l-indirizz ma għandhomx jingħataw.
[7]	Id-Detentur tan-Numru ta' Identifikazzjoni tal-proċedura ta' tranżitu huwa obbligatorju biss fil-każijiet fejn in-numru EORI jew in-numru uniku ta' identifikazzjoni ta' pajjiż terz rikonoxxut mill-Unjoni tal-persuna kkonċernata ma jingħatax. Fejn jingħata n-numru EORI jew in-numru uniku ta' identifikazzjoni ta' pajjiż terz rikonoxxut mill-Unjoni, l-isem u l-indirizz ma għandhomx jingħataw. In-numru ta' identifikazzjoni tad-Detentur tat-TIR huwa obbligatorju fil-każ li t-tip ta' Dikjarazzjoni tkun TIR; inkella, ma jistax jintuża.
[8]	Din l-informazzjoni għandha tingħata biss fejn tkun disponibbli.
[9]	Din l-informazzjoni ma għandhiex tingħata fir-rigward ta' merkanzija li tibqa' abbord (FROB) jew merkanzija trażbordata li d-destinazzjoni tagħha tkun tinsab barra mit-territorju doganali tal-Unjoni.
[10]	L-Istati Membri jistgħu jirrinunzjaw għal din l-informazzjoni fejn il-valur doganali tal-merkanzija inkwistjoni ma jkunx jista' jiġi ddeterminat skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 70 tal-Kodiċi. F'każijiet bħal dawn id-dikjarant għandu jipprovdi jew jagħmel mezz li l-awtoritajiet doganali jiġu provduti b'informazzjoni oħra li tista' tintalab għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur doganali.
[11]	Din l-informazzjoni ma tridx tingħata meta l-amministrazzjonijiet doganali jikkalkulaw id-dazji f'isem l-operaturi ekonomiċi abbażi ta' informazzjoni x'imkien ieħor fid-dikjarazzjoni. Inkella din hija volontarja għall-Istati Membri.
[12]	Din l-informazzjoni mhix meħtieġa għal merkanzija eliġibbli għal eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni, sakemm l-awtoritajiet doganali ma jqisux li din tkun meħtieġa għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw ir-rilaxx f'ċirkolazzjoni libera tal-merkanzija kkonċernata.

Numru tan-nota	Deskrizzjoni tan-nota
[13]	Din l-informazzjoni ma tridx tingħata meta l-amministrazzjonijiet doganali jikkalkulaw id-dazji f'isem l-operaturi ekonomiċi abbażi ta' informazzjoni x'imkien ieħor fid-dikjarazzjoni.
[14]	Ħlief fejn ikun essenzjali għad-determinazzjoni korretta tal-valur doganali, l-Istat Membru ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni għandu jirrinunzja għall-obbligu li tingħata din l-informazzjoni, — fejn il-valur doganali tal-merkanzija importata f'konsenja ma jaqbiżx l-EUR 20 000 sakemm ma tikkostitwix konsenja maqsuma jew konsenji multipli mill-istess speditur lill-istess konsenjatarju, jew — fejn l-importazzjoni tkun ta' natura mhux kummerċjali jew — fil-każ ta' traffiku kontinwu ta' merkanzija fornuta mingħand l-istess bejjiegħ lill-istess xerrej taħt l-istess kundizzjonijiet kummerċjali.
[15]	L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu din l-informazzjoni biss f'każijiet fejn ir-rata tal-kambju tiġi ffissata bil-quddiem permezz ta' kuntratt bejn il-partijiet ikkonċernati.
[16]	Biex timtela biss meta l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tipprevedi hekk.
[17]	Din l-informazzjoni għandha tingħata biss meta d-dikjarazzjoni ssimplifikata ma tiġix ippreżentata flimkien ma' dikjarazzjoni fil-qosor ta' ħruġ.
[18]	Dan l-element ta' data huwa obbligatorju għal prodotti agrikoli b'rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni.
[19]	Dan l-element ta' data huwa obbligatorju għal prodotti agrikoli soġġetti għal rifużjonijiet u għal dik il-merkanzija li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni teħtieġ l-oriġini tal-merkanzija fil-kuntest tal-kummerċ ma' territorji fiskali speċjali.
[20]	Din l-informazzjoni hija meħtieġa fejn (a) ma jiġix applikat trattament preferenzjali jew (b) il-pajjiż ta' oriġini nonpreferenzjali jkun differenti mill-pajjiż ta' oriġini preferenzjali.
[21]	Din l-informazzjoni hija meħtieġa fejn jiġi applikat trattament preferenzjali bl-użu tal-kodiċi xieraq f'E.D. 14 11 000 000 Preferenza.
[22]	Din l-informazzjoni għandha tintuża biss fil-każ ta' żdoganar ċentralizzat.
[23]	Din l-informazzjoni għandha tintuża biss fil-każ li d-dikjarazzjoni għal ħażna temporanja jew id-dikjarazzjoni doganali għat-tqegħid tal-merkanzija taħt proċedura speċjali minbarra ta' tranżitu tiġi ppreżentata f'uffiċċju doganali li jkun differenti mill-uffiċċju doganali tas-sorveljanza kif indikat fl-awtorizzazzjoni rispettiva.
[24]	Din l-informazzjoni għandha tkun meħtieġa biss fil-każ ta' tranżazzjonijiet kummerċjali li jinvolvu tal-inqas żewġ Stati Membri.
[25]	Din l-informazzjoni għandha tingħata biss għad-dħul fir-rekords tad-dikjaranti u biss jekk ir-rilaxx tal-merkanzija taħt ħażna temporanja jikkonċerna biss partijiet mid-dikjarazzjoni għal ħażna temporanja li tkun ġiet ippreżentata qabel fir-rigward tal-merkanzija kkonċernata.
[26]	Dan l-element ta' data huwa alternattiva għall-kodiċi tal-Komodità meta dan ma jingħatax.

Numru tan-nota	Deskrizzjoni tan-nota
[27]	Dan l-element ta' data jista' jingħata biex tiġi identifikata merkanzija koperta minn notifika għar-riesportazzjoni tal-merkanzija taħt ħażna temporanja fejn parti mill-merkanzija koperta mid-dikjarazzjoni għal ħażna temporanja kkonċernata ma tiġix riesportata.
[28]	Dan l-element ta' data huwa alternattiv għad-deskrizzjoni tal-merkanzija meta din ma tingħatax.
[29]	Dan l-element tad-data mhuwiex obbligatorju fil-każ li t-tip ta' dikjarazzjoni tkun TIR.
[30]	L-Istati Membri jistgħu jirrinunzjaw għal dan ir-rekwiżit għall-mezzi tat-trasport għajr il-ferrovija f'każ li l-moviment ta' tranżitu ma jkunx jaqsam il-fruntiera esterna tal-Unjoni.
[31]	Din l-informazzjoni ma hemmx bżonn li tingħata meta l-formalitajiet tal-esportazzjoni jsiru fil-punt tal-ħruġ mit-territorju doganali tal-Unjoni.
[32]	Dan l-element ta' data ma hemmx bżonn li jingħata meta l-formalitajiet tal-importazzjoni jsiru fil-punt tad-dħul fit-territorju doganali tal-Unjoni.
[33]	Dan l-element tad-data huwa obbligatorju għal prodotti agrikoli b'rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni, sakemm ma jingħarrux permezz ta' konsenji postali jew permezz ta' stallazzjonijiet fissi tat-trasport. [Fil-każ ta' trasport bil-posta jew bi stallazzjonijiet fissi, din l-informazzjoni ma għandhiex tkun meħtieġa.]
[34]	Ma tridx tintuża fil-każ ta' konsenji postali jew ta' ġarr bi stallazzjonijiet fissi tat-trasport.
[35]	Fejn il-merkanzija tingħarr f'unitajiet multimodali tat-trasport, bħal kontejners, kaxxi skambjabbli u semitrejlers, l-awtoritajiet doganali jistgħu jawtorizzaw lid-detentur tal-proċedura ta' tranżitu biex ma jipprovdix din l-informazzjoni fejn il-mudell loġistiku fil-punt tat-tluq jista' ma jippermettix li tingħata l-identità u n-nazzjonalità tal-mezz tat-trasport meta l-merkanzija tkun qed tiġi rilaxxata għat-tranżitu, sakemm l-unitajiet multimodali tat-trasport ma jkollhomx numri uniċi u dawn in-numri jiġu indikati f'E.D. 19 07 063 000 Numru ta' identifikazzjoni tal-kontejner.
[36]	Fil-każijiet li ġejjin, l-Istati Membri għandhom jirrinunzjaw għall-obbligu li din l-informazzjoni tiddaħħal fuq dikjarazzjoni ta' tranżitu li tiġi preżentata fl-uffiċċju tat-tluq fir-rigward tal-mezz tat-trasport li fuqu l-merkanzija tkun direttament mgħobbija: — meta l-mudell loġistiku ma jippermettix li jingħata dan l-element tad-data u d-detentur tal-proċedura ta' tranżitu jkollu l-istatus ta' operatur ekonomiku awtorizzat iċċertifikat (AEOC), u — meta l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jintraċċaw l-informazzjoni rilevanti, fejn ikun meħtieġ, mir-reġistri tad-detentur tal-proċedura ta' tranżitu.
[37]	Ma tridx tintuża fil-każ ta' konsenji postali jew ta' ġarr bi stallazzjonijiet fissi tat-trasport jew tal-ferrovija.
[38]	Dan l-element tad-data huwa obbligatorju għal prodotti agrikoli b'rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni, sakemm ma jingħarrux permezz ta' konsenji postali jew permezz ta' stallazzjonijiet fissi tat-trasport jew bil-ferrovija. [Fil-każ ta' trasport bil-posta, bi stallazzjonijiet fissi jew bil-ferrovija, din l-informazzjoni ma għandhiex tkun meħtieġa.]
[39]	Din l-informazzjoni għandha tkun meħtieġa biss meta r-rilaxx tal-merkanzija jkun soġġett għall-għoti ta' garanzija komprensiva.
[40]	L-Istat Membru ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni jista' jirrinunzja għall-obbligu li tingħata din l-informazzjoni fejn ikun f'pożizzjoni biex jivvalutaha b'mod korrett u jkun implimenta rutini ta' kalkolu biex jingħata riżultat kompatibbli mar-rekwiżiti statistiċi.
[41]	Dan l-element ta' data għandu jintuża biss fil-kuntest ta' dikjarazzjoni supplimentari għad-Dħul fir-rekords tad-dikjaranti.

Numru tan-nota	Deskrizzjoni tan-nota
[42]	Dan l-element tad-data għandu jintuża biss fil-kuntest tat-TIR Carnet.
[43]	Kull numru ta' oġġett tal-merkanzija għandu jkun uniku matul il-konsenja (fil-livell prinċipali). L-oġġetti għandhom jiġu nnumerati b'mod sekwenzjali, li jibda minn 1 għall-ewwel oġġett u n-numerazzjoni tiżdied b'1 għal kull oġġett li jmiss.
[44]	Kull numru ta' oġġett tal-merkanzija għandu jkun uniku matul il-konsenja (fil-livell domestiku). L-oġġetti għandhom jiġu nnumerati b'mod sekwenzjali, li jibda minn 1 għall-ewwel oġġett u n-numerazzjoni tiżdied b'1 għal kull oġġett li jmiss.
[45]	Din l-informazzjoni għandha tingħata fil-livell tal-konsenja jew tal-konsenja/oġġett tal-merkanzija. Meta l-istess informazzjoni tkun applikabbli għall-oġġetti kollha tal-merkanzija tal-istess konsenja, din għandha tingħata fil-livell tal-konsenja biss.
[46]	In-numru EORI għandu jiġi ddikjarat.
[47]	Meta n-numru EORI jew in-numru uniku ta' identifikazzjoni ta' pajjiż terz (TCUIN) ikun ġie assenjat, dan għandu jiġi ddikjarat.
[48]	Għall-inqas għandha tiġi ddikjarata waħda minn dawn li ġejjin: Estimazzjoni tad-data u l-ħin tal-wasla (E.D. 15 03 000 000); dokument tat-trasport (E.D. 12 05 000 000) jew dokument preċedenti (E.D. 12 01 000 000). Barra minn hekk, fit-traffiku marittimu tista' tintuża ċ-ċavetta tad-dħul.
[49]	Fl-indirizz għandha tiġi ddikjarata t-triq u n-numru jew il-Kaxxa Postali.
[50]	Dan l-element tad-data ma għandux għalfejn jiġi pprovdut meta d-dikjarazzjoni tkun ippreżentata qabel it-tluq.
[51]	Din l-informazzjoni għandha tingħata biss meta d-dikjarazzjoni tiġi emendata.
[52]	Din l-informazzjoni tista' tingħata alternattivament fil-livell tal-konsenja prinċipali jew fil-livell tal-konsenja domestika fuq talba għal riferiment.
[53]	Din l-informazzjoni tista' tingħata alternattivament fuq il-livell tal-oġġett tal-konsenja prinċipali jew tal-oġġett tal-konsenja domestika.
[54]	Din l-informazzjoni mhix meħtieġa: (a) meta l-merkanzija tiġi ddikjarata għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera skont l-iskema speċjali għall-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata minn pajjiżi u territorji terzi stabbiliti fit-Titolu XII tal-Kapitolu 6, it-Taqsima 4 tad-Direttiva 2006/112/KE; jew (b) meta l-merkanzija tkun ta' natura mhux kummerċjali mibgħuta minn pajjiż terz minn persuni privati lil persuni privati oħra fi Stat Membru u eżentata mill-VAT skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/79/KE ([1]).
[55]	Din l-informazzjoni hija meħtieġa biss meta l-merkanzija tiġi ddikjarata għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera skont l-iskema speċjali għall-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata minn pajjiżi u territorji terzi stabbiliti fit-Titolu XII tal-Kapitolu 6, it-Taqsima 4 tad-Direttiva 2006/112/KE.
[56]	Din l-informazzjoni hija meħtieġa biss jekk id-dikjarazzjoni tikkonċerna merkanzija msemmija fl-Artikolu 27 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009.
[57]	Din l-informazzjoni mhix meħtieġa f'każijiet ta' merkanzija multipla ppakkjata flimkien u għal konsenji postali.

Numru tan-nota	Deskrizzjoni tan-nota
[58]	Għall-Iżdoganar Ċentralizzat fl-Importazzjoni fejn ikun hemm aktar minn Stat Membru wieħed involut, l-informazzjoni relatata mal-kodiċijiet nazzjonali għandha tiġi pprovduta għall-Istat Membru li Jawtorizza u Jippreżenta.
[59]	Meta jintuża dan l-element tad-data, għandu jingħata mill-inqas il-kodiċi jew it-test.
[60]	Dan l-element tad-data għandu jingħata meta teżisti awtorizzazzjoni skont it-taqsima rilevanti tal-Anness A ta' dan ir-Regolament, it-Titolu I, il-Kapitolu 1.
[61]	Dan l-element tad-data huwa fakultattiv meta d-dikjarazzjoni tiġi ppreżentata qabel il-preżentazzjoni tal-oġġetti.
[62]	Din l-informazzjoni għandha tkun relatata mas-sitwazzjoni fil-mument meta ssir id-dikjarazzjoni.
[63]	Din l-informazzjoni għandha tingħata għal deċiżjonijiet relatati ma' informazzjoni vinkolanti.
[64]	Il-massa grossa fuq il-livell tal-oġġett ma hemmx għalfejn tiġi ddikjarata jekk il-massa grossa totali tiġi ddikjarata fuq il-livell 'MC' jew 'HC'.
[65]	Din l-informazzjoni għandha tingħata biss meta l-awtorità doganali tkun iddeċidiet li tissiġilla l-merkanzija.
[66]	In-numru EORI jew in-numru uniku ta' identifikazzjoni tal-pajjiż terz (TCUIN) għandu jiġi ddikjarat, fejn disponibbli.
[67]	Din l-informazzjoni għandha tkun meħtieġa meta jingħata r-Reġjun tad-dispaċċ.
[68]	Din l-informazzjoni ma għandhiex tingħata fil-każ ta' dikjarazzjoni ppreżentata minn qabel.
[69]	Din l-informazzjoni għandha tingħata biss meta l-kodiċijiet ikunu ddefiniti mill-Istat Membru kkonċernat.
[70]	Mhux għall-użu fil-każ li ma jkunx hemm Uffiċċju doganali tat-tranżitu (17 04 000 000) iddikjarat.
[71]	Din l-informazzjoni ma għandhiex tingħata jekk tkun l-istess bħall-mezzi tat-trasport tat-Tluq (19 05 000 000).
[72]	L-Istati Membri jistgħu jirrinunzjaw għal dan l-obbligu jekk is-sistemi tagħhom jippermettulhom li jiddeduċu din l-informazzjoni awtomatikament u mingħajr ambigwità mill-informazzjoni disponibbli x'imkien ieħor fid-dikjarazzjoni.
[73]	Din l-informazzjoni għandha tingħata fil-każ ta' awtorizzazzjoni għall-użu finali.

(1) Direttiva tal-Kunsill 2006/79/KE tal-5 ta' Ottubru 2006 dwar eżenzjonijiet mit-taxxi applikabbli għall-importazzjoni ta' konsenji żgħar ta' merkanzija ta' natura mhux kummerċjali minn pajjiżi terzi (ĠU L 286, 17.10.2006, p. 15).

TITOLU II

Noti dwar ir-rekwiżiti tad-data

Introduzzjoni:

Id-deskrizzjonijiet u n-noti li jinsabu f'dan it-titolu japplikaw għall-elementi tad-data msemmija fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data fit-Titolu I, il-Kapitolu 3, it-Taqsima 1 sa 12 ta' dan l-Anness.

Rekwiżiti tad-data

Grupp 11 – Informazzjoni fil-messaġġ (inkluż kodiċijiet ta' proċedura)

11 01 000 000 ***Tip ta' dikjarazzjoni***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni.

11 02 000 000 ***Tip ta' dikjarazzjoni addizzjonali***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni.

11 03 000 000 ***Numru tal-oġġett tal-merkanzija***

Il-kolonni A1 sa A3, B1 sa B4, C1, D1, D2, E1, E2, H1 sa H7 u I1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

In-numru tal-oġġett imsemmi fid-dikjarazzjoni, id-dikjarazzjoni fil-qosor, in-notifika jew il-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni, fejn ikun hemm aktar minn oġġett wieħed ta' merkanzija.

Il-kolonna C2 u I2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

In-numru tal-oġġett assenjat lill-merkanzija meta tiddaħħal fir-reġistri tad-dikjarant.

Il-kolonni F10 sa F15, F20 sa F24 u F26 sa F33, F50, F51, G4, G5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

In-numru tal-oġġett li jinsab f'kull konsenja koperta mid-dikjarazzjoni, id-dikjarazzjoni fil-qosor, in-notifika, fejn ikun hemm aktar minn oġġett wieħed ta' merkanzija.

Il-kolonna F43 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-*data*:

In-numru tal-oġġett assenjat lill-merkanzija li taqa' taħt is-CN23 ikkonċernat.

11 04 000 000 ***Indikatur ta' ċirkostanza speċifika***

Il-kolonna A2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti, indika jekk id-dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ hijiex relatata ma' konsenja express.

Il-kolonni F10 sa F51, G4, G5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti, indika s-sett tad-data jew il-kombinazzjoni ta' settijiet tad-data rispettivi ppreżentati mid-dikjarant.

11 05 000 000 ***Indikatur tad-dħul mill-ġdid***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-kodiċi rilevanti.

11 06 000 000 ***Konsenja maqsuma:***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Indika jekk il-konsenja koperta mid-dokument tat-trasport relatat inqasmitx.

11 06 001 000 ***Indikatur tal-konsenja maqsuma***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-kodiċi rilevanti.

11 06 002 000 ***MRN preċedenti***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal l-MRN assenjat lill-ENS li jkun ġie ppreżentat l-ewwel għall-konsenja rilevanti (livell prinċipali).

11 07 000 000 ***Sigurtà***

Il-kolonni B1, B2, C1 D1 u D2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti, indika jekk id-dikjarazzjoni hijiex ikkombinata ma' EXS jew ENS.

11 08 000 000 ***Indikatur tas-sett tad-data mnaqqas***

Il-kolonna D1 u D2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti, indika jekk id-dikjarazzjoni fihiex sett tad-data mnaqqas.

11 09 000 000 ***Proċedura:***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti tal-Unjoni, daħħal il-proċedura li għaliha l-merkanzija hija dikjarata.

11 09 001 000 ***Proċedura mitluba***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti, indika l-proċedura doganali li għaliha qed tiddaħħal il-merkanzija.

11 09 002 000 ***Proċedura preċedenti***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti, indika l-proċedura doganali li minnha l-merkanzija qed titneħħa.

11 10 000 000 ***Proċedura addizzjonali***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni jew il-kodiċi tal-proċedura addizzjonali kif previst mill-Istat Membru kkonċernat.

Grupp 12 – Referenzi ta' messaġġi, dokumenti, ċertifikati, awtorizzazzjonijiet

12 01 000 000 ***Dokument preċedenti***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Indika d-dettalji relatati mad-dokument preċedenti.

Il-kolonni A3, B1, C1, C2, D1 sa D3, H1 sa H6, I1 u I2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Daħħal id-dettalji relatati mat-tħassir tal-merkanzija ddikjarata fid-dikjarazzjoni kkonċernata, b'rabta mat-tmiem tal-ħażna temporanja.

Tali dettalji għandhom jinkludu l-kwantità tat-tħassir, u l-unità ta' kejl rispettiva.

12 01 001 000 ***Numru ta' referenza***

Il-kolonni A1, A2 u A3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-*data*:

Daħħal ir-referenza għall-ħażna temporanja tad-dikjarazzjoni għall-ħażna temporanja li taħtha tkun tqiegħdet il-merkanzija.

Il-kolonni B1 sa B4, C1 u C2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Daħħal id-data ta' referenza tad-dokumenti ta' qabel l-esportazzjoni lejn pajjiż terz/dispaċċ lejn Stat Membru.

Fejn id-dikjarazzjoni tikkonċerna merkanzija riesportata, daħħal id-data ta' referenza tad-dikjarazzjoni li tkun daħħlet il-merkanzija għall-proċedura doganali preċedenti li taħtha tkun tqiegħdet il-merkanzija.

Fejn id-dikjarazzjoni tikkonċerna merkanzija tas-sisa, aqħti r-referenza tal-e-AD maħruġa qabel ma l-merkanzija tas-sisa tkun tqiegħdet taħt proċedura ta' esportazzjoni.

Fil-każ ta' dikjarazzjoni supplimentari, daħħal l-MRN għad-dikjarazzjoni simplifikata li ġiet ippreżentata qabel.

Il-kolonni D1 sa D3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Fil-każ ta' dikjarazzjoni tat-tranżitu, aqħti r-referenza tal-ħażna temporanja jew tal-proċedura doganali preċedenti jew tad-dokumenti doganali korrispondenti.

Fil-każ tal-esportazzjoni segwita bi tranżitu, daħħal l-MRN tad-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni.

Il-kolonna E1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Jekk applikabbli, daħħal ir-referenza tad-dikjarazzjoni doganali li biha, l-merkanzija tkun ġiet rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera.

Meta jingħata l-MRN tad-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera u l-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni ma tkunx tikkonċerna l-oġġetti kollha tal-merkanzija tad-dikjarazzjoni doganali, daħħal in-numri tal-oġġetti rispettivi fid-dikjarazzjoni doganali.

Il-kolonna E2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Meta applikabbli, daħħal l-MRN tad-dikjarazzjoni(jiet) fil-qosor tad-dħul ippreżentata(i) fir-rigward tal-merkanzija qabel il-wasla tagħha fit-territorju Doganali tal-Unjoni.

Fil-każ ta' merkanzija tal-Unjoni, fejn applikabbli u disponibbli għall-persuna li tippreżenta l-manifest doganali tal-merkanzija, daħħal ir-referenza tad-dikjarazzjoni doganali li biha l-merkanzija ġiet rilaxxata għal ċirkolazzjoni libera.

Fejn jingħata l-MRN tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul jew tad-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera, u l-manifest doganali tal-merkanzija ma jikkonċernawx l-oġġetti kollha tal-merkanzija tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul jew tad-dikjarazzjoni doganali rispettivament, daħħal in-numri rispettivi tal-oġġetti fid-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul jew fid-dikjarazzjoni doganali, fejn dawn ikunu disponibbli għall-persuna li tkun qed tippreżenta l-manifest elettroniku.

Il-kolonna F25 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Daħħal l-MRN tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul relatata ppreżentata li għandha tkun issupplimentata b'din l-informazzjoni.

Il-kolonna G2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Daħħal l-MRN tad-dikjarazzjoni(jiet) fil-qosor tad-dħul, referenza għad-dokument tat-trasport prinċipali jew fit-traffiku marittimu ċ-ċavetta tad-dħul relatata mal-konsenja kkonċernata taħt il-kundizzjonijiet previsti fil-Kapitolu 3 tat-Titolu I ta' dan l-Anness.

Il-kolonna G3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Minħajr preġudizzju għall-Artikolu 139(4) tal-Kodiċi, daħħal l-MRN tad-dikjarazzjoni(jiet) fil-qosor tad-dħul jew, fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 130 tal-Kodiċi, tad-dikjarazzjoni għall-ħażna temporanja jew tad-dikjarazzjoni(jiet) doganali li tkun ġiet ippreżentata/jkunu ġew ippreżentati fir-rigward tal-merkanzija.

Fil-każ ta' merkanzija tal-Unjoni u jekk applikabbli, daħħal ir-referenza tad-dikjarazzjoni doganali li biha l-merkanzija tkun ġiet rilaxxata għal ċirkolazzjoni libera jew ir-referenza tal-Prova tal-Istatus tal-Unjoni tal-Merkanzija.

Fejn in-notifika ta' preżentazzjoni ma tikkonċernax l-oġġetti kollha tal-merkanzija fid-dikjarazzjoni msemmija qabel jew il-Prova tal-Istatus tal-Unjoni tal-Merkanzija, il-persuna li tippreżenta l-merkanzija għandha tipprovdi n-numru(i) rilevanti tal-oġġett attribwit(i) lill-merkanzija f'dik id-dikjarazzjoni preċedenti jew il-Prova tal-Istatus tal-Unjoni tal-Merkanzija.

Il-kolonna G4 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Minħajr preġudizzju għall-Artikolu 145(4) tal-Kodiċi, daħħal l-MRN tad-dikjarazzjoni(jiet) fil-qosor tad-dħul relatat(i) mal-konsenja kkonċernata.

Fejn dikjarazzjoni għal ħażna temporanja tiġi ppreżentata wara t-tmiem tal-proċedura ta' tranżitu skont l-Artikolu 145(11) tal-Kodiċi, għandu jingħata l-MRN tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu.

Fejn jingħata l-MRN tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul, tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu, jew, fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 130 tal-Kodiċi, tad-dikjarazzjoni doganali, u d-dikjarazzjoni għal ħażna temporanja ma tkunx tikkonċerna l-oġġetti individwali kollha tal-merkanzija tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul, tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu jew tad-dikjarazzjoni doganali, id-dikjarant għandu jagħti n-numru(i) rilevanti tal-oġġett individwali attribwit(i) lill-oġġetti fid-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul, fid-dikjarazzjoni tat-tranżitu jew fid-dikjarazzjoni doganali oriġinali.

Il-kolonna G5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Daħħal l-MRN tad-dikjarazzjoni(ijiet) għal ħażna temporanja ppreżentata(i) fir-rigward tal-merkanzija fil-post fejn ikun beda l-moviment.

Fejn l-MRN tad-dikjarazzjoni għal ħażna temporanja ma jkunx jikkonċerna l-oġġetti individwali kollha tal-merkanzija tad-dikjarazzjoni għal ħażna temporanja kkonċernata, il-persuna li tinnotifika l-wasla tal-merkanzija wara l-moviment taħt ħażna temporanja għandha tagħti n-numru(i) rilevanti rispettivi tal-oġġett individwali attribwit(i) għall-merkanzija fid-dikjarazzjoni oriġinali għal ħażna temporanja.

Il-kolonni H1 sa H5, I1 u I2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data

Daħħal ir-referenza għad-dikjarazzjoni tal-ħażna temporanja jew għal kwalunkwe dokument preċedenti.

L-identifikatur tal-oġġett individwali tal-merkanzija għandu jingħata biss f'każijiet fejn ikun neċessarju għall-identifikazzjoni minħajr ambigwità tal-oġġett individwali tal-merkanzija kkonċernat.

Fejn id-dikjarazzjoni tikkonċerna merkanzija tas-sisa li hija soġġetta għal sospensjoni tad-dazju, agħti r-referenza tal-e-AD, fejn tinħareġ.

Fil-każ ta' dikjarazzjoni supplimentari, daħħal l-MRN għad-dikjarazzjoni simplifikata li ġiet ippreżentata qabel.

Il-kolonna H6 u H7 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Jekk id-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul u d-dikjarazzjoni doganali jiġu ppreżentati separatament, bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal l-MRN tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul jew kwalunkwe dokument preċedenti ieħor.

12 01 002 000 ***Tip***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti, indika t-tip tad-dokument.

12 01 003 000 ***Tip ta' ppakkettjar***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-kodiċi li jispeċifika t-tip ta' ppakkettjar rilevanti għat-tħassir tan-numru tal-pakketti.

12 01 004 000 ***Numru ta' pakketti***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal in-numru rilevanti tat-tħassir tal-pakketti.

12 01 005 000 ***Unità tal-kejl u kwalifikatur***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Għandhom jintużaw l-unitajiet tal-kejl stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, kif ippubblikati fit-TARIC. Jista' jintuża kwalifikatur addizzjonali, fejn applikabbli.

Daħħal l-unità tal-kejl rilevanti tat-tħassir u l-kwalifikatur.

12 01 006 000 ***Kwantità***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-kwantità tat-tħassir rilevanti.

12 01 079 000 ***Komplement ta' informazzjoni***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal informazzjoni komplementari dwar id-dokument preċedenti.

Dan l-element tad-data jippermetti lill-operatur ekonomiku jipprovdi kwalunkwe informazzjoni komplementari relatata mad-dokument preċedenti.

12 01 007 000 ***Identifikatur tal-oġġett tal-merkanzija***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal in-numru tal-oġġett tal-merkanzija kif iddikjarat fid-dokument preċedenti.

12 02 000 000 ***<u>Informazzjoni addizzjonali:</u>***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Uża dan l-element tad-data b'rabta mal-informazzjoni li għaliha l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ma tispeċifikax il-qasam li fih għandha tiddaħħal.

Il-kolonna H7 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Kwalunkwe informazzjoni pprovduta mid-dikjarant li tista' titqies utli għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-oġġett ikkonċernat.

12 02 008 000 ***Kodiċi***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati, għajr il-kolonna H7:

Daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, u, jekk applikabbli, il-kodiċi prevista mill-Istat Membru kkonċernat.

12 02 009 000 ***Test***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati, għajr il-kolonna H7:

Jekk ikun meħtieġ, jista' jingħata kwalunkwe test ta' spjegazzjoni għall-kodiċi ddikjarat.

Il-kolonna H7 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Kwalunkwe informazzjoni pprovduta mid-dikjarant li tista' titqies utli għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-oġġett ikkonċernat.

12 03 000 000 ***<u>Dokument ta' sostenn</u>***

12 03 001 000 ***Numru ta' referenza***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

(a) In-numru ta' identifikazzjoni jew ta' referenza ta' dokumenti jew ċertifikati tal-Unjoni jew internazzjonali li jiġu prodotti b'appoġġ tad-dikjarazzjoni.

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti tal-Unjoni, daħħal id-dettalji meħtieġa minn kwalunkwe regola speċifika applikabbli flimkien ma' data ta' referenza tad-dokumenti prodotti b'appoġġ tad-dikjarazzjoni.

(b) In-numru ta' identifikazzjoni jew ta' referenza ta' dokumenti jew ċertifikati nazzjonali prodotti b'appoġġ tad-dikjarazzjoni.

Il-kolonni B1 sa B4, C1, H1 sa H7 u I1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Daħħal id-dettalji relatati mat-tħassir tal-merkanzija ddikjarata fid-dikjarazzjoni kkonċernata, b'rabta mal-liċenzji u ċ-ċertifikati tal-esportazzjoni u tal-importazzjoni.

Tali dettalji għandhom jinkludu r-referenza għall-awtorità li toħroġ il-liċenzja jew iċ-ċertifikat ikkonċernat(a), il-perjodu ta' validità tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat ikkonċernat(a), l-ammont jew il-kwantità tat-tħassir u l-unità rispettiva ta' kejl.

Il-kolonna H1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Fejn il-kuntratt ta' bejgħ tal-merkanzija kkonċernata ikollu numru ta' identifikazzjoni, għandu jiddaħħal dak in-numru. Jekk applikabbli, daħħal ukoll id-data tal-kuntratt tal-bejgħ.

Ħlief fejn ikun essenzjali għad-determinazzjoni korretta tal-valur doganali, l-Istat Membru ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni għandu jirrinunzja għall-obbligu li tingħata informazzjoni dwar id-data u n-numru tal-kuntratt tal-bejgħ,

— fejn il-valur doganali tal-merkanzija importata f'konsenja ma jaqbiżx l-EUR 20 000 sakemm ma tikkostitwix konsenja maqsuma jew konsenji multipli mill-istess speditur lill-istess konsenjatarju, jew

— fejn l-importazzjoni hija ta' natura mhux kummerċjali, jew - fil-każ ta' traffiku kontinwu ta' merkanzija fornuta mill-istess bejjiegħ lill-istess xerrej taħt l-istess kundizzjonijiet kummerċjali.

Fejn il-valur doganali tal-merkanzija inkwistjoni ma jistax jiġi ddeterminat skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 70 tal-Kodiċi, l-Istati Membri jistgħu jirrinunzjaw għall-obbligu li tingħata informazzjoni dwar id-data u n-numru tal-kuntratt tal-bejgħ. F'każijiet bħal dawn id-dikjarant għandu jipprovdi jew jagħmel mezz li l-awtoritajiet doganali jiġu provduti b'informazzjoni oħra li tista' tintalab għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur doganali.

Il-kolonna I1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Fejn jintalab benefiċċju minn kwota tariffarja fuq bażi ta' jinqeda l-ewwel min jasal l-ewwel għall-merkanzija dikjarata fid-dikjarazzjoni simplifikata, id-dokumenti kollha meħtieġa għandhom jiġu ddikjarati fid-dikjarazzjoni simplifikata u għandhom ikunu disponibbli għad-dikjarant u għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet doganali sabiex id-dikjarant ikun jista' jibbenefika mill-kwota tariffarja skont id-data tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni simplifikata.

12 03 002 000 ***Tip***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti, indika t-tip tad-dokument.

Daħħal id-dettalji relatati mat-tħassir tal-merkanzija ddikjarata fid-dikjarazzjoni kkonċernata, b'rabta mal-liċenzji u ċ-ċertifikati tal-esportazzjoni u tal-importazzjoni.

12 03 010 000 ***Isem l-awtorità emittenti***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal ir-referenza għall-awtorità li toħroġ il-liċenzja jew iċ-ċertifikat ikkonċernat.

12 03 005 000 ***Unità tal-kejl u kwalifikatur***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Għandhom jintużaw l-unitajiet tal-kejl stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, kif ippubblikati fit-TARIC. Jista' jintuża kwalifikatur addizzjonali, jekk applikabbli.

12 03 006 000 ***Kwantità***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-kwantità tat-tħassir rilevanti.

12 03 011 000 ***Data tal-validità***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal id-data tat-tmiem tal-validità tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat ikkonċernat.

12 03 012 000 ***Munita***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti, daħħal il-kodiċi tal-munita.

12 03 013 000 ***Numru tal-linja tal-oġġett fid-dokument***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal in-numru sekwenzjali tal-oġġett fid-dokument ta' appoġġ (eż. ċertifikat, liċenzja, permess, dokument tad-dħul eċċ.), li jikkorrispondi għall-oġġett inkwistjoni.

12 03 014 000 ***Ammont***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal l-ammont rilevanti ta' tħassir.

12 04 000 000 ***Referenza addizzjonali***

12 04 001 000 ***Numru ta' referenza***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

In-numru ta' referenza għal kwalunkwe dikjarazzjoni addizzjonali li ssir li mhix koperta mid-Dokument ta' Appoġġ, mid-dokument tat-trasport jew minn informazzjoni addizzjonali.

12 04 002 000 ***Tip***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti tal-Unjoni, daħħal id-dettalji meħtieġa minn kwalunkwe regola speċifika applikabbli.

12 05 000 000 ***Dokument tat-trasport***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Dan l-element tad-data jinkludi t-tip u r-referenza tad-dokument tat-trasport.

12 05 001 000 ***Numru ta' referenza***

Il-kolonni A1 sa A3, B1, B2, B4 u C1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Dan l-element tad-data jinkludi r-referenza tad-dokument(i) tat-trasport li jkopri(u) t-trasport tal-merkanzija meta titlaq mit-territorju doganali tal-Unjoni.

Il-kolonna D3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Dan l-element tad-data jinkludi r-referenza tad-dokument tat-trasport li jintuża bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu.

Il-kolonna E2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti tal-Unjoni, daħħal ir-referenza tad-dokument tat-trasport li jkopri t-trasport prospettiv jew - fil-każ ta' Emittenti Awtorizzati - komplut tal-merkanzija fit-territorju doganali tal-Unjoni.

Fil-każ tat-traffiku marittimu taħt kondiviżjoni tal-bastiment jew arranġament kontraenti simili, in-numru tad-dokument tat-trasport li għandu jiġi pprovdut jirreferi għad-dokument tat-trasport maħruġ mill-persuna li tkun ikkonkludiet kuntratt, u ħarġet polza tat-tagħbija jew polza tal-vjeġġ tal-merkanzija, għall-ġarr attwali tal-merkanzija fit-territorju doganali tal-Unjoni.

In-numru tad-dokument tat-trasport huwa alternattiva għan-numru ta' referenza uniku tal-konsenja (UCR) meta dan tal-aħħar ma jkunx disponibbli.

Il-kolonni F10 sa F42 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Referenza tad-dokument(i) tat-trasport li jkopri(u) t-trasport tal-merkanzija fit-territorju doganali tal-Unjoni. Jekk it-trasport tal-merkanzija jkun kopert minn żewġ dokumenti tat-trasport jew aktar jiġifieri kuntratt tat-trasport fuq livell prinċipali u domestiku, jeħtieġ li jissemmew fil-livell xieraq kemm il-kuntratt tat-trasport fuq livell prinċipali kif ukoll dak korrispondenti fuq livell domestiku. Għal kull dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul jista' jiġi ddikjarat kuntratt tat-trasport fil-livell prinċipali wieħed biss. In-numru ta' referenza tal-polza ta' kargu maħruġa minn trasportatur, tal-polza ta' kargu għal destinatarju msemmi, tal-polza tal-vjeġġ bl-ajru maħruġa minn trasportatur u tal-polza tal-vjeġġ bl-ajru maħruġa minn spedizjonier għandu jibqa' uniku għal minimu ta' sena wara li jinħareġ mill-operaturi ekonomiċi kkonċernati.

Il-kolonni F14 sa F16, F22 u F33 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Fejn skont l-Artikolu 112(1) l-ewwel subparagrafu u 113(2), persuna oħra minbarra t-trasportatur tippreżenta d-dettalji tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul, minbarra n-numru tal-polza ta' kargu maħruġa minn spedizjonier jew tal-polza tal-vjeġġ bl-ajru maħruġa minn spedizjonier, għandu jingħata wkoll in-numru tal-polza ta' kargu maħruġa minn trasportatur jew tal-polza tal-vjeġġ bl-ajru maħruġa minn trasportatur korrispondenti.

Il-kolonna F16 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Fejn skont l-Artikolu 112(1) it-tieni subparagrafu, il-konsenjatarju jippreżenta dettalji tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul, jeħtieġ li jingħata n-numru korrispondenti:

(a) tal-polza ta' kargu għal destinatarju msemmi maħruġa mit-trasportatur, jew fejn applikabbli;

(b) tal-polza ta' kargu maħruġa minn trasportatur u l-aktar polza ta' kargu baxxa maħruġa minn persuna oħra skont l-Artikolu 112(1) l-ewwel subparagrafu, fil-każ fejn tinħareġ polza addizzjonali tat-tagħbija għall-istess merkanzija li hija sottostanti għall-polza prinċipali mit-trasportatur.

Il-kolonni F23 sa F26 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-*data*:

In-numru ta' referenza tal-polza tal-vjeġġ bl-ajru maħruġa minn spedizjonier u tal-polza tal-vjeġġ bl-ajru maħruġa minn trasportatur għandu jingħata, jekk disponibbli fil-mument tal-preżentazzjoni. Alternattivament, fil-każ li r-referenza prinċipali ma tkunx disponibbli fil-mument tal-preżentazzjoni, il-persuna kkonċernata tista' tipprovdi n-numru ta' referenza tal-polza tal-vjeġġ bl-ajru maħruġa minn trasportatur separatament, u xorta qabel il-merkanzija tiġi mgħobbija fuq l-inġenju tal-ajru. F'dan il-każ, l-informazzjoni tinkludi wkoll referenzi għall-poloz kollha tal-vjeġġ bl-ajru maħruġa minn spedizjonier li jappartjenu għall-kuntratt prinċipali tat-trasport. In-numru ta' referenza tal-polza tal-vjeġġ bl-ajru maħruġa minn trasportatur u tal-polza tal-vjeġġ bl-ajru maħruġa minn spedizjonier għandu jibqa' uniku għal minimu ta' tliet snin wara li jinħareġ mill-operaturi ekonomiċi kkonċernati.

Il-kolonna F43 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Għandu jiġi ddikjarat in-numru tal-oġġett postali (numru ITMATT) li jikkorrispondi man-NM 23 ikkonċernata.

Il-kolonna F44 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

In-numri tal-oġġetti postali [numru(i) ITMATT] li jikkorrispondu man-NM 23(s) li jkopru l-merkanzija li tinsab fir-reċipjent li fih qed jiġu ttrasportati.

Il-kolonna F50 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Din l-informazzjoni għandha tirreferi għan-nota tal-konsenja tat-triq (CMR).

Il-kolonni G2 sa G5, H1 sa H7, I1 u I2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Din l-informazzjoni għandha tirreferi għad-dokument tat-trasport li bih il-merkanzija ddaħħlet fit-territorju doganali tal-Unjoni.

12 05 002 000 ***Tip***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti, indika t-tip tad-dokument.

12 06 000 000 ***<u>In-numru tal-carnet TIR:</u>***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Dan l-element tad-data jinkludi n-numru ta' referenza tal-Carnet TIR.

12 07 000 000 ***<u>Referenza tat-talba għal riferiment</u>***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal in-numru ta' referenza mit-talba għal riferiment li tkun waslet.

Dan l-element tad-data għandu jingħata biss meta d-dikjarazzjoni tiġi emendata fuq talba għal riferiment.

12 08 000 000 ***Numru ta' referenza/UCR***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Din l-entrata titratta n-numru ta' referenza kummerċjali uniku assenjat mill-persuna kkonċernata lill-konsenja inkwistjoni.

Tista' tieħu l-forma ta' kodiċijiet tad-WCO (ISO 15459) jew ekwivalenti. Tipprovdi aċċess għad-data kummerċjali sottostanti ta' interess għad-dwana.

Il-kolonna H7 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Din l-entrata tista' tintuża għall-indikazzjoni tal-identifikatur tat-tranżazzjoni (bħar-referenza għall-kuntratt tax-xiri), jekk il-merkanzija tiġi ddikjarata għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera skont l-iskema speċjali għall-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata minn pajjiżi u territorji terzi stabbiliti fit-Titolu XII tal-Kapitolu 6, it-Taqsima 4 tad-Direttiva 2006/112/KE.

12 09 000 000 ***LRN***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

In-numru ta' referenza lokali (LRN) għandu jintuża. Jiġi definit fuq livell nazzjonali u jiġi allokat mid-dikjarant bi ftehim mal-awtoritajiet kompetenti biex tiġi identifikata kull dikjarazzjoni individwali.

12 10 000 000 ***Pagament differit***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal, fejn applikabbli, in-numru tal-kont; hawnhekk pagament differit jista' jirreferi kemm għal pagament differit tad-dazju tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni kif ukoll għal kreditu tat-taxxa.

12 11 000 000 ***Maħżen***

12 11 002 000 ***Tip***

Il-kolonni B1 sa B4, G4 u H1 sa H5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal it-tip tal-faċilità tal-ħżin.

Il-kolonna G5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal it-tip tal-faċilità ta' ħażna temporanja tad-destinazzjoni.

12 11 015 000 ***Identifikatur***

Il-kolonni B1 sa B4, G4 u H1 sa H5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Daħħal in-numru tal-awtorizzazzjoni tal-maħżen jew tal-faċilità ta' ħażna temporanja kkonċernata.

Il-kolonna G5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Daħħal in-numru tal-awtorizzazzjoni rilevanti.

12 12 000 000 ***Awtorizzazzjoni***

12 12 002 000 ***Tip***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti, indika t-tip tad-dokument.

12 12 001 000 ***Numru ta' referenza***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal in-numru ta' referenza tal-awtorizzazzjonijiet kollha meħtieġa għad-dikjarazzjoni u n-notifika.

14 10 000 000 ***Metodu ta' valutazzjoni***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal il-metodu ta' valwazzjoni użat.

14 11 000 000 ***Preferenza***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Dan l-element ta' data jittratta informazzjoni dwar it-trattament tariffarju tal-merkanzija. Fejn l-użu tiegħu jkun previst bħala mandatorju fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 3 tat-Titolu I ta' dan l-Anness, għandu jintuża anke meta ma jintalab ebda trattament tariffarju preferenzjali. Daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni.

F'intervalli regolari l-Kummissjoni se tippubblika l-lista tal-kombinazzjonijiet ta' kodiċi li jistgħu jintużaw, flimkien ma' eżempji u noti.

14 12 000 000 ***Valur postali***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Biċċa mill-kontenut, valur iddikjarat: Kodiċi tal-munita u l-valur monetarju tal-biċċa mill-kontenut, dikjarat għal finijiet doganali.

14 12 012 000 ***Kodiċi tal-munita***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-kodiċi tal-munita ISO-alpha-3 rilevanti (ISO4217).

14 12 014 000 ***Ammont***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal l-ammont tal-valur.

14 13 000 000 ***Spejjeż postali***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Oġġett individwali; posta mħallsa: Kodiċi tal-munita u l-ammont ta' posta mħallas minn jew iċċarġjat lil min jibgħat il-merkanzija.

14 13 012 000 ***Kodiċi tal-munita***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-kodiċi tal-munita ISO-alpha-3 rilevanti (ISO4217).

14 13 014 000 ***Ammont***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal l-ammont ta' spejjeż postali mħallsa.

14 14 000 000 ***Valur intrinsiku***

Il-kolonna H7 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Il-valur intrinsiku tal-merkanzija għal kull oġġett fil-munita tal-fattura.

14 14 012 000 ***Kodiċi tal-munita***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-kodiċi tal-munita ISO-alpha-3 rilevanti (ISO4217).

14 14 014 000 ***Ammont***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal l-ammont tal-valur.

14 15 000 000 ***Spejjeż tat-trasport u tal-assigurazzjoni lejn id-destinazzjoni***

Il-kolonna H7 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Spejjeż tat-trasport u tal-assigurazzjoni sal post tad-destinazzjoni finali fil-munita tal-fattura.

14 15 012 000 ***Kodiċi tal-munita***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-kodiċi tal-munita ISO-alpha-3 rilevanti (ISO4217).

14 15 014 000 ***Ammont***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal l-ammont ta' spejjeż postali mħallsa.

Grupp 15 – Dati/Żminijiet/Perjodi

15 01 000 000 ***Estimazzjoni tad-data u l-ħin tat-tluq***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Id-data u l-ħin lokali tat-tluq skedat mill-post fejn il-merkanzija tkun tgħabbiet fuq il-mezz attiv tat-trasport li se jġorrha fl-Unjoni.

15 02 000 000 ***Id-data u l-ħin attwali tat-tluq***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Id-data u l-ħin lokali tat-tluq minn fejn il-merkanzija tkun tgħabbiet fuq il-mezz attiv tat-trasport li se jġorrha fl-Unjoni.

15 03 000 000 ***Estimazzjoni tad-data u l-ħin tal-wasla***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Id-data u l-ħin lokali li fih il-mezz attiv ta' trasport ikun skedat li jasal fl-Unjoni (bl-art) fl-ewwel post fuq il-fruntiera, (bl-ajru) fl-ewwel ajruport jew (bil-baħar) fl-ewwel port.

15 04 000 000 ***Id-data u l-ħin stmat tal-wasla fil-port tal-ħatt***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Id-data u l-ħin lokali skedat li fih il-bastiment huwa mistenni jasal fil-port, fejn il-merkanzija għandha tinħatt.

15 05 000 000 ***Estimazzjoni tad-data u l-ħin tal-wasla***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Id-data u l-ħin lokali skedat li fih il-mezz attiv ta' trasport effettivament jasal fl-Unjoni (bl-art) fl-ewwel post fuq il-fruntiera, (bl-ajru) fl-ewwel ajruport jew (bil-baħar) fl-ewwel port.

15 06 000 000 ***Data tad-dikjarazzjoni***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Id-data li fiha nħarġu d-dikjarazzjonijiet rispettivi.

Il-kolonni F u G tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Id-data u l-ħin li fihom inħarġu d-dikjarazzjonijiet rispettivi.

15 07 000 000 ***Validità mitluba tal-prova***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Indika l-validità mitluba tal-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni mogħtija f'jiem, f'każ li l-persuna li tkun qed titlob prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni tkun tixtieq tistabbilixxi perjodu ta' validità itwal minn dak stabbilit fl-Artikolu 123. Il-ġustifikazzjoni tat-talba għandha tingħata f'E.D. 12 02 000 000 Informazzjoni addizzjonali.

15 08 000 000 ***Data u ħin tal-preżentazzjoni tal-merkanzija***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Indika d-data u l-ħin li fihom ġiet ippreżentata l-merkanzija lid-dwana skont l-Artikolu 139 tal-Kodiċi.

15 09 000 000 ***Data tal-aċċettazzjoni***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal id-data meta l-merkanzija ddaħħlet fir-rekords tad-dikjarant.

Grupp 16 – Postijiet/Pajjiżi/Reġjuni

16 02 000 000 ***Stat Membru indirizzat***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

L-Istat Membru indirizzat huwa użat minn persuni msemmija fl-Artikolu 127(6) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

16 02 020 000 ***Pajjiż***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-kodiċi tal-pajjiż tal-Istat Membru li għandu jiġi indirizzat.

16 03 000 000 ***Pajjiż tad-destinazzjoni***

Il-kolonni B1 sa B4 u C1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal il-pajjiż li, fil-ħin tar-rilaxx fil-proċedura doganali, ikun magħruf li l-merkanzija għandha tiġi konsenjata lilu.

Il-kolonni D1 sa D3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal l-aħħar pajjiż tad-destinazzjoni tal-merkanzija.

Il-pajjiż tal-aħħar destinazzjoni magħrufa huwa definit bħala l-aħħar pajjiż li, fil-mument tar-rilaxx fil-proċedura doganali, ikun magħruf li l-merkanzija għandha tiġi konsenjata lilu.

Il-kolonni H1, H2 u H5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal il-kodiċi għall-Istat Membru fejn tkun tinsab il-merkanzija fil-ħin tar-rilaxx fil-proċedura doganali jew, fir-rigward tal-kolonna H5, f'użu domestiku.

Madankollu, meta fil-ħin li tkun qed issir id-dikjarazzjoni doganali ikun magħruf li l-merkanzija se tiġi trasportata lejn Stat Membru ieħor wara r-rilaxx, daħħal il-kodiċi għal dan l-aħħar Stat Membru.

Il-kolonna H3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Fejn merkanzija tiġi mportata bil-ħsieb li titqiegħed taħt proċedura ta' aċċettazzjoni temporanja, l-Istat Membru tad-destinazzjoni għandu jkun l-Istat Membru fejn il-merkanzija se tintuża għall-ewwel darba.

Il-kolonna H4 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Fejn merkanzija tiġi mportata bil-ħsieb li titqiegħed taħt proċedura ta' proċessar attiv, l-Istat Membru tad-destinazzjoni għandu jkun l-Istat Membru fejn issir l-ewwel attività ta' proċessar.

16 04 000 000 ***Reġjun tad-destinazzjoni***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti definit mill-Istati Membri, daħħal ir-reġjun tad-destinazzjoni tal-merkanzija fl-Istat Membru kkonċernat.

16 05 000 000 ***Post fejn għandha titwassal il-konsenja***

16 05 036 000 ***UN/LOCODE***

Il-kolonni F10 sa F13, F20, F21, F27 sa F29, F31, F50 u F51 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Fil-każ ta' trasport bil-baħar, daħħal il-UN/LOCODE, kif stipulat fil-polza ta' kargu maħruġa minn trasportatur.

Fil-każ ta' trasport bl-ajru, daħħal id-destinazzjoni tal-merkanzija bl-użu tal-UN/LOCODE, kif stipulat fil-polza tal-vjeġġ bl-ajru maħruġa minn trasportatur.

Il-kolonni F11, F14, F15, F22, F26, F27, F31, F50, F51 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Fil-każ ta' trasport bil-baħar, daħħal il-UN/LOCODE, kif stipulat fil-polza ta' kargu maħruġa minn spedizjonier.

Fil-każ ta' trasport bl-ajru, daħħal id-destinazzjoni tal-merkanzija bl-użu tal-UN/LOCODE, kif stipulat fil-polza tal-vjeġġ bl-ajru maħruġa minn spedizjonier.

16 05 020 000 ***Pajjiż***

Il-kolonni F10 sa F13, F20, F21, F27 sa F29, F31, F50 u F51 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Fil-każ ta' traffiku bil-baħar, fejn il-UN/LOCODE mhuwiex disponibbli, daħħal il-kodiċi tal-pajjiż għall-post fejn issir il-konsenja lil hinn mill-port tal-ħatt, kif stipulat fil-polza ta' kargu maħruġa minn trasportatur.

Fil-każ ta' traffiku bl-ajru, fejn il-UN/LOCODE mhuwiex disponibbli, daħħal il-kodiċi tal-pajjiż għall-post fejn issir il-konsenja lil hinn mill-ajruport tal-ħatt, kif stipulat fil-polza tal-vjeġġ bl-ajru maħruġa minn trasportatur.

Il-kolonni F14-15, F22 u F26 u F33 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Fil-każ ta' traffiku bil-baħar, fejn il-UN/LOCODE mhuwiex disponibbli, daħħal il-kodiċi tal-pajjiż għall-post fejn issir il-konsenja lil hinn mill-port tal-ħatt, kif stipulat fil-polza ta' kargu maħruġa minn spedizjonier.

Fil-każ ta' traffiku bl-ajru, fejn il-UN/LOCODE mhuwiex disponibbli, daħħal il-kodiċi tal-pajjiż għall-post fejn issir il-konsenja lil hinn mill-ajruport tal-ħatt, kif stipulat fil-polza tal-vjeġġ bl-ajru maħruġa minn spedizjonier.

16 05 037 000 ***Post***

Il-kolonni F10 sa F13, F20, F21, F27 sa F29, F50 u F51 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Fil-każ ta' traffiku bil-baħar, fejn il-UN/LOCODE mhuwiex disponibbli, daħħal l-isem għall-post fejn issir il-konsenja lil hinn mill-port tal-ħatt, kif stipulat fil-polza ta' kargu maħruġa minn trasportatur.

Fil-każ ta' traffiku bl-ajru, fejn il-UN/LOCODE mhuwiex disponibbli, daħħal l-isem għall-post fejn issir il-konsenja lil hinn mill-ajruport tal-ħatt, kif stipulat fil-polza tal-vjeġġ bl-ajru maħruġa minn trasportatur.

Il-kolonni F11, F14, F15, F22,F26, F27, F50 u F51 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Fil-każ ta' traffiku bil-baħar, fejn il-UN/LOCODE mhuwiex disponibbli, daħħal l-isem għall-post fejn issir il-konsenja lil hinn mill-port tal-ħatt, kif stipulat fil-polza ta' kargu maħruġa minn spedizjonier.

Fil-każ ta' traffiku bl-ajru, fejn il-UN/LOCODE mhuwiex disponibbli, daħħal l-isem għall-post fejn issir il-konsenja lil hinn mill-ajruport tal-ħatt, kif stipulat fil-polza tal-vjeġġ bl-ajru maħruġa minn spedizjonier.

16 06 000 000 ***Pajjiż tad-dispaċċ***

Il-kolonna D1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Dan l-element tad-data jintuża biss fir-rigward tal-Carnet TIR. Daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni għall-pajjiż fejn beda l-moviment TIR u fejn intbagħat il-Carnet TIR.

Il-kolonni H1, H2 sa H5 u I1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Jekk la tkun saret tranżazzjoni kummerċjali (eż. bejgħ jew proċessar), u lanqas waqfa mhux relatata mat-trasport tal-merkanzija f'pajjiż intermedju, daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni biex tindika l-pajjiż minn fejn il-merkanzija kienet inizjalment mibgħuta lill-Istat Membru li fih tinsab il-merkanzija fil-ħin tar-rilaxx tagħha fil-proċedura doganali. Jekk ikun sar tali waqfien jew tranżazzjoni kummerċjali, indika l-aħħar pajjiż intermedju.

Għall-finijiet ta' dan ir-rekwiżit tad-data, twaqqif biex tkun tista' seħħ il-konsolidazzjoni tal-oġġetti en-route, għandu jitqies bħala wieħed li hu relatat mat-trasport tal-oġġetti.

16 07 000 000 ***Pajjiż tal-esportazzjoni***

Il-kolonni B1 sa B4, C1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni għall-Istat Membru li fih tinsab il-merkanzija fil-ħin tar-rilaxx tagħha fil-proċedura.

Madankollu, fejn ikun magħruf li l-merkanzija tkun inġiebet minn Stat Membru ieħor lejn l-Istat Membru li fih tkun tinsab il-merkanzija fil-ħin tar-rilaxx tagħha fil-proċedura doganali, indika dan l-Istat Membru l-ieħor, bil-kundizzjoni li (i) l-merkanzija tkun inġiebet minn hemm biss għall-iskop ta' esportazzjoni; u (ii) l-esportatur ma jkunx stabbilit fl-Istat Membru li fih tinsab il-merkanzija fil-ħin tar-rilaxx tagħha fil-proċedura doganali; u (iii) d-dħul fl-Istat Membru li fih tinsab il-merkanzija fil-ħin tar-rilaxx tagħha fil-proċedura doganali ma kienx akkwist ta' merkanzija jew tranżazzjoni interna tal-Unjoni ttrattata bħala tali kif imsemmi fid-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE.

Madankollu, fejn il-merkanzija tiġi esportata wara proċedura ta' proċessar attiv, indika l-Istat Membru fejn tkun saret l-aħħar attività ta' proċessar.

16 08 000 000 ***Pajjiż ta' oriġini***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni għall-pajjiż ta' oriġini nonpreferenzjali, kif iddefinit fil-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Kodiċi.

16 09 000 000 ***Pajjiż ta' oriġini preferenzjali***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Jekk jintalab trattament preferenzjali abbażi tal-oriġini tal-merkanzija f'E.D. 14 11 000 000 Preferenza, daħħal il-pajjiż jew ir-reġjun/grupp ta' pajjiżi ta' oriġini preferenzjali.

16 10 000 000 ***Reġjun tad-dispaċċ***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti definit mill-Istati Membri, daħħal ir-reġjun ta' dispaċċ jew ta' produzzjoni fl-Istat Membru kkonċernat tal-merkanzija inkwistjoni.

16 11 000 000 ***Pajjiżi minn fejn jgħaddu l-mezzi tat-trasport***

Il-kolonni F10 sa F13, F20, F21, F27 sa F31, F40 sa F42 u F45 sa F51 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Identifikazzjoni f'ordni kronoloġika tal-pajjiżi li minnhom jgħaddi l-mezz tat-trasport bejn il-pajjiż tat-tluq oriġinali u tad-destinazzjoni aħħarija.

Fil-każ tat-trasport bl-ajru dawk il-pajjiżi biss bejn il-pajjiż tal-ajruport tat-tluq oriġinali u l-pajjiż tal-ajruport tad-destinazzjoni aħħarija għandhom jiġu ddikjarati fejn l-inġenju tal-ajru jkun mess l-art.

16 11 020 000 ***Pajjiż***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-kodiċi(jiet) rilevanti tal-pajjiż f'sekwenza korretta tar-rotta effettiva tal-mezz tat-trasport.

Din l-informazzjoni għandha tkun meħtieġa biss jekk l-uffiċċju doganali tat-tluq jew id-detentur tal-proċedura jqis li huwa meħtieġ li jippreskrivi itinerarju għall-movimenti tal-merkanzija matul il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni.

16 12 000 000 ***Pajjiż minn fejn tgħaddi l-konsenja***

Il-kolonna A1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Fid-Dikjarazzjoni fil-Qosor tal-Ħruġ jew meta d-dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ inkluża f'dikjarazzjoni doganali, għandha tiġi pprovduta l-identifikazzjoni tal-pajjiżi – b'kunsiderazzjoni tal-pajjiżi ta' destinazzjoni – sa fejn ikun magħruf.

Il-kolonna A2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Għandu jingħata biss il-pajjiż tad-destinazzjoni aħħarija.

Il-kolonna D1 u D2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Identifikazzjoni f'ordni kronoloġika tal-pajjiżi li minnhom tgħaddi l-merkanzija bejn il-pajjiż tat-tluq u tad-destinazzjoni. Din tinkludi wkoll il-pajjiżi tat-tluq u tad-destinazzjoni tal-merkanzija.

Il-kolonni F11, F14, F15, F20, F22, F26, F27, F30, F33, F50 u F51 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Identifikazzjoni f'ordni kronoloġika tal-pajjiżi li minnhom tgħaddi l-merkanzija bejn il-pajjiż tat-tluq oriġinali u tad-destinazzjoni aħħarija kif stipulat fl-aktar Polza ta' kargu maħruġa minn spedizjonier baxxa, fl-aktar Polza tal-vjeġġ bl-ajru maħruġa minn spedizjonier baxxa jew fid-dokument tat-trasport bl-art/bil-ferrovija.

16 12 020 000 ***Pajjiż***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-kodiċi(jiet) rilevanti tal-pajjiż f'sekwenza korretta tar-rotta tal-konsenja.

16 13 000 000 ***Post tat-tagħbija***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Identifikazzjoni tal-port, tal-ajruport, tat-terminal tal-merkanzija, tal-istazzjon tal-ferrovija jew ta' post ieħor fejn il-merkanzija titgħabba fuq il-mezz tat-trasport li jkun qed jintuża biex tinġarr, inkluż il-pajjiż fejn tkun tinsab. Fejn tkun disponibbli, għandha tingħata informazzjoni kodifikata għall-identifikazzjoni tal-post.

Fil-każ li ma jkunx hemm UN/LOCODE disponibbli għall-post ikkonċernat, il-kodiċi tal-pajjiż għandu jiġi segwit bl-isem tal-post, bl-akbar preċiżjoni possibbli.

16 13 036 000 ***UN/LOCODE***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-UN/LOCODE għall-post fejn il-merkanzija titgħabba fuq il-mezz tat-trasport li jkun qed jintuża għat-trasport tagħha fit-territorju doganali tal-Unjoni.

16 13 020 000 ***Pajjiż***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Meta l-UN/LOCODE ma jkunx disponibbli, daħħal il-kodiċi tal-pajjiż għall-post fejn il-merkanzija titgħabba fuq il-mezz tat-trasport li jkun qed jintuża għall-ġarr tagħha fit-territorju doganali tal-Unjoni.

16 13 037 000 ***Post***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Meta l-UN/LOCODE ma jkunx disponibbli, daħħal l-isem tal-post fejn titgħabba l-merkanzija fuq il-mezz tat-trasport li jkun qed jintuża għall-ġarr tagħha fit-territorju doganali tal-Unjoni.

16 14 000 000 ***Post tal-ħatt***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Identifikazzjoni tal-port, tal-ajruport, tat-terminal tal-merkanzija, tal-istazzjon tal-ferrovija jew ta' post ieħor fejn il-merkanzija tinħatt minn fuq il-mezz tat-trasport li jkun intuża biex titwassal fit-territorju doganali tal-Unjoni, inkluż il-pajjiż fejn tkun tinsab. Fejn tkun disponibbli, għandha tingħata informazzjoni kodifikata għall-identifikazzjoni tal-post.

Fil-każ li ma jkunx hemm UN/LOCODE disponibbli għall-post ikkonċernat, il-kodiċi tal-pajjiż għandu jiġi segwit bl-isem tal-post, bl-akbar preċiżjoni possibbli.

16 14 036 000 ***UN/LOCODE***

Il-kolonni F10 sa F13, F20, F21, F27 sa F31, F40 sa F42 u F45 sa F51 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Daħħal il-UN/LOCODE għall-post fejn tinħatt il-merkanzija mill-mezz tat-trasport li wassalha fit-territorju doganali tal-Unjoni.

16 14 020 000 ***Pajjiż***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Meta l-UN/LOCODE ma jkunx disponibbli, daħħal il-kodiċi tal-pajjiż għall-post li fih il-merkanzija tinħatt mill-mezz tat-trasport li wassalha fit-territorju doganali tal-Unjoni.

16 14 037 000 ***Post***

Il-kolonni F10 sa F13, F20, F21, F27 sa F31, F40 sa F42 u F45 sa F51 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Meta l-UN/LOCODE ma jkunx disponibbli, daħħal l-isem tal-post li fih il-merkanzija tinħatt mill-mezz tat-trasport li wassalha fit-territorju doganali tal-Unjoni.

16 15 000 000 ***Post tal-merkanzija***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti, daħħal il-post fejn il-merkanzija tista' tiġi eżaminata. Dan il-post għandu jkun preċiż biżżejjed biex jippermetti lid-dwana twettaq il-kontroll fiżiku tal-merkanzija.

Għandu jintuża Tip wieħed biss ta' post fl-istess ħin.

16 15 045 000 ***Tip ta' post***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-kodiċi rilevanti speċifikat għat-tip ta' post.

16 15 046 000 ***Kwalifikatur tal-identifikazzjoni***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-kodiċi rilevanti għall-identifikazzjoni tal-post. Fuq il-bażi tal-kwalifikatur użat għandu jingħata biss l-identifikatur rilevanti.

16 15 036 000 ***UN/LOCODE***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Uża l-kodiċijiet definiti fil-Lista tal-Kodiċijiet UN/LOCODE skont il-Pajjiżi.

16 15 047 000 ***Uffiċċju doganali***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-kodiċi rilevanti tal-uffiċċju doganali meta l-merkanzija hija disponibbli għal aktar kontroll doganali.

16 15 047 001 *Numru ta' referenza*

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal in-numru ta' referenza tal-uffiċċju doganali fejn il-merkanzija hija disponibbli għal aktar kontroll doganali.

16 15 048 000 ***GNSS***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-koordinati rilevanti mis-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) fejn il-merkanzija hija disponibbli.

16 15 048 049 *Latitudni*

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-latitudni tal-post fejn il-merkanzija hija disponibbli.

16 15 048 050 *Lonġitudni*

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-lonġitudni tal-post fejn il-merkanzija hija disponibbli.

16 15 051 000 ***Operatur ekonomiku***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Uża n-numru ta' identifikazzjoni tal-operatur ekonomiku li fil-bini tiegħu l-merkanzija tista' tiġi kkontrollata.

16 15 051 017 *Numru ta' identifikazzjoni*

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal in-numru EORI tad-detentur tal-awtorizzazzjoni kif prevista fl-Artikolu 1(18).

16 15 052 000 ***Numru tal-awtorizzazzjoni***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal in-numru tal-awtorizzazzjoni tal-post kkonċernat.

16 15 053 000 ***Identifikatur addizzjonali***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Fil-każ ta' diversi postijiet, sabiex il-post ikun speċifikat b'mod aktar preċiż b'rabta ma' EORI jew awtorizzazzjoni, daħħal il-kodiċi rilevanti fejn disponibbli.

16 15 018 000 ***Indirizz:***

16 15 018 019 *Triq u numru*

Daħħal it-triq u n-numru rilevanti.

16 15 018 021 *Kodiċi postali*

Daħħal il-kodiċi postali rilevanti għad-dettalji tal-indirizz relatati.

16 15 018 022 *Belt*

Daħħal l-isem tal-belt tal-indirizz tal-parti.

16 15 018 020 *Pajjiż*

Daħħal il-kodiċi tal-pajjiż.

16 15 081 000 ***Indirizz bil-kodiċi postali***

Din is-subklassi tista' tintuża meta jkun possibbli li jiġi ddeterminat il-post tal-merkanzija bil-kodiċi postali kkomplementat min-numru tad-dar jekk ikun meħtieġ.

16 15 081 021 *Kodiċi postali*

Daħħal il-kodiċi postali rilevanti għall-post tal-merkanzija relatat.

16 15 081 025 *Numru tad-dar*

Daħħal in-numru tad-dar għall-post tal-merkanzija relatat.

16 15 081 020 *Pajjiż*

Daħħal il-kodiċi tal-pajjiż.

16 15 074 000 ***Persuna ta' kuntatt***

16 15 074 016 *Isem*

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal l-isem tal-persuna ta' kuntatt.

16 15 074 075 *Numru tat-telefown*

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal in-numru tat-telefown tal-persuna ta' kuntatt.

16 15 074 076 *Indirizz tal-posta elettronika*

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal l-indirizz tal-posta elettronika tal-persuna ta' kuntatt.

16 16 000 000 ***Post tal-aċċettazzjoni***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Post fejn jittieħed pussess tal-merkanzija mingħand l-ispeditur mill-persuna li toħroġ il-polza ta' kargu.

Identifikazzjoni tal-port, tat-terminal tal-merkanzija jew ta' post ieħor minn fejn jittieħed pussess tal-merkanzija mingħand l-ispeditur, inkluż il-pajjiż fejn tkun tinsab. Fejn tkun disponibbli, għandha tingħata informazzjoni kodifikata għall-identifikazzjoni tal-post.

Fil-każ li ma jkunx hemm UN/LOCODE disponibbli għall-post ikkonċernat, il-kodiċi tal-pajjiż għandu jiġi segwit bl-isem tal-post, bl-akbar preċiżjoni possibbli.

16 16 036 000 ***UN/LOCODE***

Il-kolonni F10 sa F15, F20, F21, F22, F26 sa F29, F31, F33, F50 u F51 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Daħħal il-UN/LOCODE għall-post minn fejn jittieħed pussess tal-merkanzija mingħand l-ispeditur mill-persuna li toħroġ il-polza ta' kargu, il-polza tal-vjeġġ bl-ajru jew kwalunkwe dokument ieħor tat-trasport.

16 16 020 000 ***Pajjiż***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Meta l-UN/LOCODE ma tkunx disponibbli, daħħal il-kodiċi tal-pajjiż għall-post minn fejn jittieħed pussess tal-merkanzija mingħand l-ispeditur mill-persuna li toħroġ il-polza ta' kargu, il-polza tal-vjeġġ bl-ajru jew kwalunkwe dokument ieħor tat-trasport.

16 16 037 000 ***Post***

Il-kolonni F10 sa F15, F20, F21, F22, F26 sa F29, F31, F50 u F51 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Meta l-UN/LOCODE ma tkunx disponibbli, daħħal l-isem tal-post minn fejn jittieħed pussess tal-merkanzija mingħand l-ispeditur mill-persuna li toħroġ il-polza ta' kargu, il-polza tal-vjeġġ bl-ajru jew kwalunkwe dokument ieħor tat-trasport.

16 17 000 000 ***Itinerarju vinkolanti***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti, indika jekk ġiex applikat l-itinerarju Vinkolanti.

L-itinerarju vinkolanti jiddefinixxi r-rotta li matulha l-merkanzija għandha tiġi mċaqalqa mill-Uffiċċju Doganali tat-Tluq għall-Uffiċċju Doganali tad-Destinazzjoni tul itinerarju ekonomikament ġustifikat.

Grupp 17 – Uffiċċji doganali

17 01 000 000 ***Uffiċċju doganali tal-ħruġ***

17 01 001 000 ***Numru ta' referenza***

Il-kolonni A1, A2 u A3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal l-uffiċċju doganali li minnu l-merkanzija għandha tħalli t-territorju doganali tal-Unjoni għal destinazzjoni barranija.

Il-kolonni B1 sa B3 u C1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal l-uffiċċju doganali li permezz tiegħu huwa intiż li l-merkanzija għandha tħalli t-territorju doganali tal-Unjoni.

Il-kolonna B4 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal l-uffiċċju doganali li permezz tiegħu huwa intiż li l-merkanzija għandha tħalli t-territorju fiskali kkonċernat.

17 02 000 000 ***Uffiċċju doganali tal-esportazzjoni***

17 02 001 000 ***Numru ta' referenza***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal in-numru ta' referenza tal-uffiċċju fejn għandhom isiru l-formalitajiet tal-esportazzjoni.

17 03 000 000 ***Uffiċċju doganali tat-tluq***

17 03 001 000 ***Numru ta' referenza***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal in-numru ta' referenza tal-uffiċċju fejn għandha tibda l-operazzjoni ta' tranżitu tal-Unjoni.

17 04 000 000 ***<u>Uffiċċju doganali tat-tranżitu</u>***

17 04 001 000 ***Numru ta' referenza***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-kodiċi għall-uffiċċju doganali ta' dħul previst f'kull parti kontraenti għall-konvenzjoni ta' tranżitu minbarra dak tal-Unjoni (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'pajjiż komuni ta' tranżitu mhux tal-Unjoni') li minnu l-merkanzija għandha tgħaddi u l-uffiċċju doganali ta' dħul li minnu l-merkanzija terġa tidħol fit-territorju doganali tal-Unjoni wara li tkun qasmet it-territorju ta' pajjiż komuni ta' tranżitu mhux tal-Unjoni, jew, fejn il-konsenja għandha taqsam territorju li ma jkunx dak tal-Unjoni jew ta' pajjiż komuni ta' tranżitu mhux tal-Unjoni, l-uffiċċju doganali ta' ħruġ li minnu t-trasport iħalli l-Unjoni u l-uffiċċju doganali ta' dħul li minnu jerġa jidħol fl-Unjoni.

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal in-numru ta' referenza tal-uffiċċji doganali kkonċernat.

17 05 000 000 ***<u>Uffiċċju doganali tad-destinazzjoni</u>***

17 05 001 000 ***Numru ta' referenza***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal in-numru ta' referenza tal-uffiċċju fejn għandha tintemm l-operazzjoni ta' tranżitu tal-Unjoni.

17 06 000 000 ***<u>Uffiċċju doganali tal-ħruġ għat-tranżitu</u>***

17 06 001 000 ***Numru ta' referenza***

Il-kolonni D1 u D2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Dan l-element tad-data jintuża meta d-dikjarazzjoni tat-tranżitu tkun ikkombinata ma' dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ, u l-moviment ta' tranżitu ma jsegwix il-proċedura tal-esportazzjoni. Daħħal il-kodiċi għall-uffiċċju doganali maħsub fejn il-moviment ta' tranżitu jħalli ż-Żona tas-sikurezza u s-sigurtà.

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal in-numru ta' referenza tal-uffiċċju kkonċernat.

17 07 000 000 ***<u>Uffiċċju doganali tal-ewwel dħul</u>***

17 07 001 000 ***Numru ta' referenza***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Identifikazzjoni tal-uffiċċju Doganali responsabbli għall-formalitajiet fejn il-mezz attiv tat-trasport huwa intiż jasal l-ewwel fit-territorju Doganali tal-Unjoni.

17 08 000 000 ***<u>Uffiċċju doganali attwali tal-ewwel dħul</u>***

17 08 001 000 ***Numru ta' referenza***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Identifikazzjoni tal-uffiċċju doganali responsabbli għall-formalitajiet fejn il-mezz attiv tat-trasport attwalment jasal l-ewwel fit-territorju Doganali tal-Unjoni.

17 09 000 000 ***<u>Uffiċċju doganali ta' preżentazzjoni</u>***

17 09 001 000 ***Numru ta' referenza***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, indika l-uffiċċju doganali fejn tiġi ppreżentata l-merkanzija bl-iskop li titqiegħed taħt proċedura doganali jew taħt ħażna temporanja.

17 10 000 000 ***<u>Uffiċċju doganali tas-sorveljanza</u>***

17 10 001 000 ***Numru ta' referenza***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, speċifika l-uffiċċju doganali indikat fl-awtorizzazzjoni rispettiva li se jissorvelja l-proċedura.

Il-kolonna G5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Din l-informazzjoni għandha tieħu l-forma tal-identifikatur tal-uffiċċju doganali tas-sorveljanza kompetenti għall-faċilità ta' ħażna temporanja fid-destinazzjoni.

Grupp 18 – Identifikazzjoni tal-merkanzija

18 01 000 000 ***Massa netta***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-massa netta, espressa f'kilogrammi, tal-merkanzija kkonċernata mid-dikjarazzjoni rilevanti tal-oġġett individwali tal-merkanzija. Il-massa netta hija l-massa tal-oġġett mingħajr kwalunkwe ippakkjar.

Meta massa netta akbar minn 1 kg tinkludi frazzjoni ta' unità (kg), tista' tiġi aġġustata b'dan il-mod:

— minn 0.001 sa 0.499: jiġi aġġustat 'l isfel sal-eqreb kg,

— minn 0.5 sa 0.999: jiġi aġġustat 'il fuq sal-eqreb kg.

Il-massa netta ta' anqas minn 1 kg jenħtieġ li tiddaħħal bħala '0.' segwita minn għadd ta' deċimali sa 6, u jitneħħew iż-'0' kollha fit-tarf tal-kwantità (eż. 0.123 għal pakkett ta' 123 gramma, 0.00304 għal pakkett ta' 3 grammi u 40 milligramma jew 0.000654 għal pakkett ta' 654 milligramma).

18 02 000 000 ***Unitajiet supplimentari***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Fejn ikun meħtieġ, daħħal il-kwantità tal-oġġett inkwistjoni, mogħtija fl-unità stabbilita fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, kif ippubblikata fit-TARIC.

18 03 000 000 ***Massa grossa totali***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Il-massa grossa totali hija l-piż tal-merkanzija tal-konsenja sħiħa inkluż l-ippakkjar, iżda mingħajr it-tagħmir tat-trasportatur għad-dikjarazzjoni.

Meta massa grossa akbar minn 1 kg tinkludi frazzjoni ta' unità (kg), din tista' tkun imqarrba b'dan il-mod:

— minn 0.001 sa 0.499: jiġi aġġustat 'l isfel sal-eqreb kg,

— minn 0.5 sa 0.999: jiġi aġġustat 'il fuq sal-eqreb kg.

Massa grossa ta' anqas minn 1 kg jenħtieġ li tiddaħħal bħala '0.' segwita minn għadd ta' deċimali sa 6, u jitneħħew iż-'0' kollha fit-tarf tal-kwantità (eż. 0.123 għal pakkett ta' 123 gramma, 0.00304 għal pakkett ta' 3 grammi u 40 milligramma jew 0.000654 għal pakkett ta' 654 milligramma).

Il-kolonni tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data: F10 sa F13, F20, F21, F27 sa F29 u F31:

Daħħal il-massa grossa totali, espressa f'kilogrammi, tal-merkanzija kkonċernata mill-konsenja rilevanti, kif indikat fid-dokument tat-trasport fuq livell prinċipali. Il-massa grossa hija l-aggregazzjoni tal-massa tal-oġġetti kompluti fl-ippakkjar tagħhom, eskluż l-kontejners u t-tagħmir l-ieħor tat-trasport.

Il-kolonni tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data: F11, F14, F15, F20, F22 sa 24, F26, F27, F30, F31, F32, F33, F43, F50, F51, G4

Daħħal il-massa grossa totali, espressa f'kilogrammi, tal-merkanzija kkonċernata mill-konsenja rilevanti, kif indikat fid-dokument tat-trasport fuq livell domestiku. Il-massa grossa hija l-aggregazzjoni tal-massa tal-oġġetti kompluti fl-ippakkjar tagħhom, eskluż l-kontejners u t-tagħmir l-ieħor tat-trasport.

18 04 000 000 ***Massa grossa***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Il-massa grossa hija l-piż tal-merkanzija inkluż l-ippakkjar, iżda mingħajr it-tagħmir tat-trasportatur għad-dikjarazzjoni.

Meta massa grossa akbar minn 1 kg tinkludi frazzjoni ta' unità (kg), din tista' tkun imqarrba b'dan il-mod:

— minn 0.001 sa 0.499: jiġi aġġustat 'l isfel sal-eqreb kg,

— minn 0.5 sa 0.999: jiġi aġġustat 'il fuq sal-eqreb kg.

Massa grossa ta' anqas minn 1 kg jenħtieġ li tiddaħħal bħala '0.' segwita minn għadd ta' deċimali sa 6, u jitneħħew iż-'0' kollha fit-tarf tal-kwantità (eż. 0.123 għal pakkett ta' 123 gramma, 0.00304 għal pakkett ta' 3 grammi u 40 milligramma jew 0.000654 għal pakkett ta' 654 milligramma).

Il-kolonni B1 sa B4, C1, H1 sa H6, I1 u I2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Daħħal il-massa grossa, espressa f'kilogrammi, tal-merkanzija kkonċernata mil-oġġett individwali rilevanti tal-merkanzija.

Fejn il-piż tal-palits jiġi inkluż fid-dokumenti tat-trasport, il-piż tal-palits għandu jiġi inkluż ukoll fil-kalkolu tal-massa grossa, ħlief għall-każijiet li ġejjin:

a) Il-palit jifforma oġġett separat fuq id-dikjarazzjoni doganali

b) Ir-rata tad-dazju għall-oġġett inkwistjoni tkun ibbażata fuq il-piż gross u/jew il-kwota tariffarja għall-oġġett inkwistjoni u tiġi ġestita f'unità ta' kejl 'piż gross'.

Il-kolonni A1, A2, E1, E2, G4 u G5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Fejn ikun possibbli, l-operatur ekonomiku jista' jipprovdi dak il-piż fil-livell tal-konsenja prinċipali/oġġett tal-konsenja prinċipali/konsenja domestika/oġġett tal-konsenja domestika.

Il-kolonni B1 sa B4, C1, D1 sa D3, H1 sa H7, I1 u I2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data

Daħħal il-massa grossa, espressa f'kilogrammi, tal-merkanzija kkonċernata mil-oġġett individwali rilevanti tal-merkanzija.

Fejn id-dikjarazzjoni tinkludi diversi oġġetti individwali tal-merkanzija, li titratta oġġetti li jkunu ppakkjati flimkien b'tali mod li jkun impossibbli li tiġi determinata l-massa grossa tal-merkanzija li tappartjeni għal xi oġġett individwali ta' merkanzija, il-massa grossa totali biss trid tiddaħħal fil-livell ta' intestatura.

Il-kolonni tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data: F11, F12, F13, F20, F21, F27 sa F29 u F31:

Daħħal il-massa grossa, espressa f'kilogrammi, tal-merkanzija kkonċernata mill-oġġett individwali rilevanti tal-merkanzija, kif indikat fid-dokument tat-trasport fuq livell prinċipali. Il-massa grossa hija l-aggregazzjoni tal-massa tal-oġġetti kompluti fl-ippakkjar tagħhom, eskluži l-kontejners u t-tagħmir l-ieħor tat-trasport.

Il-kolonni tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data: F10, F11, F14, F15, F20, F22 sa 24, F26, F27, F30, F31, F32, F33, F50, F51

Daħħal il-massa grossa, espressa f'kilogrammi, tal-merkanzija kkonċernata mill-oġġett individwali rilevanti tal-merkanzija, kif indikat fid-dokument tat-trasport fuq livell domestiku. Il-massa grossa hija l-aggregazzjoni tal-massa tal-oġġetti kompluti fl-ippakkjar tagħhom, eskluži l-kontejners u t-tagħmir l-ieħor tat-trasport.

18 05 000 000 ***<u>Deskrizzjoni tal-merkanzija</u>***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Meta d-dikjarant jipprovdi l-kodiċi tas-CUS għal sustanzi u preparazzjonijiet kimiċi, l-Istati Membri jistgħu jirrinunzjaw għall-ħtieġa li tingħata deskrizzjoni preċiża tal-merkanzija.

Il-kolonni A1, A2 u l-kolonni F kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Deskrizzjoni b'lingwaġġ sempliċi li tkun preċiża biżżejjed biex is-servizzi tad-Dwana jkunu jistgħu jidentifikaw il-merkanzija. Termini ġenerali (jiġifieri 'konsolidat', 'merkanzija ġenerali', 'partijiet' jew 'merkanzija ta' kull tip') jew deskrizzjoni mhux preċiża biżżejjed ma jistgħux jiġu aċċettati. Il-Kummissjoni ppubblikat lista mhux eżawrjenti ta' dawn it-termini u d-deskrizzjonijiet ġenerali.

Il-kolonni B3, B4, C1, D1, D2, E1 u E2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Tfisser id-deskrizzjoni kummerċjali normali. Meta l-kodiċi tal-komodità trid tingħata, id-deskrizzjoni għandha tkun preċiża biżżejjed li tippermetti li l-merkanzija tiġi klassifikata.

Il-kolonni B1, B2, H1 sa H5 u I1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Id-deskrizzjoni tal-oġġetti tfisser id-deskrizzjoni kummerċjali normali. Ħlief għal merkanzija mhux tal-Unjoni li jitqiegħdu taħt proċedura tal-ħażna doganali f'maħżen doganali pubbliku tat-tip I, II jew III jew f'maħżen doganali privat, din id-deskrizzjoni għandha tiġi espressa f'termini preċiżi biżżejjed biex tippermetti l-identifikazzjoni u l-klassifikazzjoni immedjata u mingħajr ambigwità tal-merkanzija.

Il-kolonni D3, G4, G5, H6 u H7 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Deskrizzjoni b'lingwaġġ sempliċi li tkun preċiża biżżejjed biex is-servizzi tad-Dwana jkunu jistgħu jidentifikaw il-merkanzija.

18 06 000 000 ***<u>Ippakkjar</u>***

Dan l-element tad-data għandu x'jaqsam mad-dettalji tal-ippakkjar tal-merkanzija soġġetta għad-dikjarazzjoni jew għan-notifika.

18 06 003 000 ***Tip ta' pakketti***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Kodiċi li jispeċifika t-tip ta' pakkett.

18 06 004 000 ***Numru ta' pakketti***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

L-għadd totali ta' pakketti abbażi tal-iżgħar unità esterna tal-ippakkjar. Dan huwa l-għadd ta' oġġetti individwali ppakkjati b'tali mod li ma jistgħux jiġu diviżi mingħajr ma l-ewwel jiżżarma l-ippakkjar, jew l-għadd ta' biċċiet, jekk ma jkunux ippakkjati.

Din l-informazzjoni ma għandhiex tingħata meta l-oġġetti jkunu fi kwantità.

18 06 054 000 ***Marki tat-trasport***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Forma libera ta' deskrizzjoni tal-marki u n-numri fuq l-unitajiet jew fuq il-pakketti tat-trasport.

Il-kolonni A1, A3, C1, E2, G4 u I1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Din l-informazzjoni għandha tingħata biss għal merkanzija ppakkjata fejn applikabbli. Fejn il-merkanzija tkun f'kontejners, in-numru tal-kontejner jista' jissostitwixxi l-marki tat-trasport, li madankollu jista' jingħata mill-operatur ekonomiku fejn dan ikun disponibbli. Il-marki tat-trasport jistgħu jiġu sostitwiti bil-UCR jew bir-referenzi fid-dokument tat-trasport li jippermettu l-identifikazzjoni mingħajr ambigwità tal-pakketti kollha fil-konsenja.

18 07 000 000 ***Oġġetti perikoluż***

18 07 055 000 ***Numru UN***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

L-identifikatur tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Merkanzija Perikoluża (UNDG) huwa in-numru tas-serje assenjat fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti għas-sustanzi u għall-oġġetti li hemm f'lista tal-merkanzija perikoluża li tinġarr l-iktar ta' sikwit.

18 08 000 000 ***Kodiċi tal-Unjoni Doganali u l-Istatistika (CUS)***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

In-numru tal-Unjoni Doganali u tal-Istatistika (CUS) huwa l-identifikatur assenjat fl-Inventarju Doganali Ewropew tas-Sustanzi Kimiċi (ECICS) prinċipalment għal sustanzi u preparazzjonijiet kimiċi.

Id-dikjarant jista' jipprovdi dan il-kodiċi fuq bażi volontarja fejn ma tkunx teżisti miżura stabbilita fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni kif ippubblikata fit-TARIC għall-merkanzija kkonċernata, jiġifieri fejn l-għoti ta' dan il-kodiċi jkun jirrappreżenta piż inqas minn deskrizzjoni testwali sħiħa tal-prodott.

Il-kolonni B1 u H1 tat-tabella:

Meta l-merkanzija kkonċernata tkun soġġetta għal miżura stabbilita fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni kif ippubblikata fit-TARIC b'rabta mal-kodiċi tas-CUS, il-kodiċi tas-CUS għandu jiġi pprovdut.

18 09 000 000 ***Kodiċi tal-komodità***

Il-kolonni B1 sa B4, C1, H1 sa H7 u I1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Daħħal in-numru tal-kodiċi tal-komodità li jikkorrispondi mal-oġġett inkwistjoni.

Il-kolonni A1 u A2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Għandu jintuża l-kodiċi tas-subintestatura tas-Sistema Armonizzata.

Il-kolonni D1 sa D3 u E1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Għandu jintuża mill-inqas il-kodiċi tas-subintestatura tas-Sistema Armonizzata.

Il-kolonna E2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Din l-informazzjoni għandha tieħu l-forma tal-kodiċi tas-subintestatura tas-Sistema Armonizzata rispettivament il-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda skont ir-rekwiżiti nazzjonali.

Il-kolonni F10 sa F15, F50 u F51 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Daħħal il-kodiċi tas-subintestatura tas-Sistema Armonizzata tal-merkanzija dikjarata. Fil-każ ta' trasportazzjoni kombinata, daħħal il-kodiċi tas-subintestatura tas-Sistema Armonizzata tal-merkanzija trasportata permezz tal-mezz passiv tat-trasport.

Il-kolonni F20 sa F24, F26 sa F33, F43, G4 u G5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Daħħal il-kodiċi tas-subintestatura tas-Sistema Armonizzata tal-merkanzija dikjarata. Din l-informazzjoni mhijiex meħtieġa għall-merkanzija ta' natura mhux kummerċjali.

18 09 056 000 ***Kodiċi tas-subintestatura tas-Sistema Armonizzata***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-kodiċi tas-subintestatura tas-Sistema Armonizzata.

18 09 057 000 ***Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal iż-żewġ ċifri addizzjonali tal-kodiċi tan-nomenklatura Maqgħuda.

18 09 058 000 ***Kodiċi tat-TARIC***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal is-subintestatura tat-TARIC li tikkorrispondi mal-oġġett inkwistjoni.

18 09 059 000 ***Kodiċi addizzjonali tat-TARIC***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-kodiċi(jiet) addizzjonali tat-TARIC li jikkorrispondi/u mal-oġġett inkwistjoni.

18 09 060 000 ***Kodiċi nazzjonali addizzjonali***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-kodiċi(jiet) addizzjonali nazzjonali li jikkorrispondi/u mal-oġġett inkwistjoni.

18 10 000 000 ***Tip ta' merkanzija***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal it-tip ta' merkanzija fil-konsenja postali.

Grupp 19 – Informazzjoni dwar it-trasport (modi, mezzi u tagħmir)

19 01 000 000 ***Indikatur tal-kontejner***

Il-kolonni A1, A3, B1 sa B4, D1 sa D3 u E1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Daħħal is-sitwazzjoni preżunta waqt il-qsim tal-fruntiera esterna tal-Unjoni, abbażi tal-informazzjoni disponibbli fil-ħin li jitlestew il-formalitajiet tal-esportazzjoni jew tat-tranżitu, jew waqt il-preżentazzjoni tat-talba għall-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni, bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni.

Il-kolonni F10 sa F15, F20 sa F22, F26 sa F29, F31, F33, F40, F41, F45 sa F51 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Daħħal is-sitwazzjoni preżunta waqt il-qsim tal-fruntiera esterna tal-Unjoni bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni.

Il-kolonni H1 sa H4 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Daħħal is-sitwazzjoni waqt il-qsim tal-fruntiera esterna tal-Unjoni bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni.

19 02 000 000 ***Numru ta' referenza tat-twassil***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Identifikazzjoni tal-vjaġġ tal-mezz ta' trasport, pereżempju n-numru tal-vjaġġ, in-numru tat-titjira tal-IATA, in-numru tat-trip, jekk ikun applikabbli.

Għal trasport bl-ajru, f'sitwazzjonijiet fejn l-operatur tal-inġenju tal-ajru jittrasporta l-merkanzija taħt ftehim għall-kondiviżjoni tal-kodiċi mas-sħab jew ftehim ta' kuntrattar simili, għandhom jintużaw in-numri tat-titjiriet tas-sħab.

19 03 000 000 ***Mezz tat-trasport fil-fruntiera***

Il-kolonni B1, B2, B3, D1 u D2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal il-mod tat-trasport li jikkorrispondi mal-mezz attiv tat-trasport li huwa mistenni li se jintuża fil-ħruġ mit-territorju doganali tal-Unjoni.

Il-kolonna B4 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni daħħal il-mod tat-trasport li jikkorrispondi mal-mezz attiv tat-trasport li huwa mistenni li se jintuża fil-ħruġ mit-territorju fiskali kkonċernat.

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati F u G2:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal il-mod tat-trasport li jikkorrispondi mal-mezz attiv tat-trasport li fih il-merkanzija hija mistennija tidħol fit-territorju doganali tal-Unjoni.

Fil-każ ta' trasportazzjoni kombinata għandhom japplikaw ir-regoli stabbiliti għal E.D. 19 08 000 000 Mezzi attivi tat-trasport fuq il-fruntiera.

Fejn il-merkanzija bl-ajru tinġarr permezz ta' mezzi tat-trasport oħrajn apparti bl-ajru, għandu jiġi ddikjarat il-mezz tat-trasport l-ieħor.

Il-kolonni H1 sa H4 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal il-mod tat-trasport li jikkorrispondi mal-mezz attiv tat-trasport li permezz tiegħu l-merkanzija tkun daħlet fit-territorju doganali tal-Unjoni.

Il-kolonna H5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal il-mod tat-trasport li jikkorrispondi mal-mezz attiv tat-trasport li permezz tiegħu l-merkanzija tkun daħlet fit-territorju fiskali kkonċernat.

19 04 000 000 ***Mezz ta' trasport intern***

Il-kolonni B1, B2, B3 u D1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal il-mod ta' trasport mat-tluq.

Il-kolonni H1 u H2 sa H5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal il-mod ta' trasport mal-wasla.

19 05 000 000 ***Mezzi tat-trasport tat-tluq***

19 05 061 000 ***Tip ta' identifikazzjoni***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal it-tip tan-numru ta' identifikazzjoni.

19 05 017 000 ***Numru ta' identifikazzjoni***

Il-kolonni B1 sa B3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Daħħal l-identità tal-mezz tat-trasport li fuqu l-merkanzija tiġi direttament mgħobbija waqt il-formalitajiet tal-esportazzjoni jew tat-tranżitu (jew dik tal-vettura li timbotta lill-oħrajn jekk ikun hemm diversi mezzi tat-trasport). Jekk jintuża trattur u karru b'numri ta' reġistrazzjoni differenti, daħħal in-numri tar-reġistrazzjoni kemm tat-trattur kif ukoll tal-karru flimkien man-nazzjonalità tat-trattur.

Skont il-mezz tat-trasport ikkonċernat, jistgħu jiddaħħlu d-dettalji li ġejjin dwar l-identità:

Mezz ta' trasport	Metodu ta' identifikazzjoni
Trasport bil-baħar u fil-passaġġi fuq l-ilma interni	Isem il-bastiment
Trasport bl-ajru	In-numru u d-data tat-titjira (f'każ li ma jkunx hemm numru tat-titjira, daħħal in-numru ta' reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru)
Trasport bit-triq	In-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura u/jew tat-trejler
Trasport bil-ferrovija	In-numru tal-vagun

Din l-informazzjoni għandha tieħu l-forma tan-numru ta' identifikazzjoni tal-vapur mogħti mill-OMI jew in-Numru ta' Identifikazzjoni uniku Ewropew għall-Bastimenti (il-kodiċi tal-ENI) għal trasport bil-baħar jew permezz tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Għal modi oħra ta' trasport, il-metodu ta' identifikazzjoni għandu jkun identiku għal dak mogħti fil-kolonni B1, B2 u B3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data.

Fejn il-merkanzija tiġi trasportata permezz ta' trejler u trattur, daħħal in-numru ta' reġistrazzjoni kemm tat-trejler kif ukoll tat-trattur. Fejn in-numru ta' reġistrazzjoni tat-trattur ma jkunx magħruf, daħħal in-numru ta' reġistrazzjoni tat-trejler.

19 05 062 000 ***Nazzjonalità***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal in-nazzjonalità tal-mezz tat-trasport (jew dik tal-vettura li timbotta lill-oħrajn jekk ikun hemm diversi mezzi tat-trasport) li fuqu l-merkanzija tiġi direttament mgħobbija waqt il-formalitajiet tal-esportazzjoni jew tat-tranżitu, fil-forma tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni. Jekk it-trattur u t-trejler li jintużaw ikunu ta' nazzjonalitajiet differenti, daħħal in-nazzjonalità tat-trattur.

Jekk il-merkanzija tiġi trasportata permezz ta' trejler u trattur, daħħal in-nazzjonalità kemm tat-trejler kif ukoll tat-trattur. Fejn in-nazzjonalità tat-trattur ma tkunx magħrufa, daħħal in-nazzjonalità tat-trejler.

[22]	L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu din l-informazzjoni biss f'każijiet fejn ir-rata tal-kambju tiġi ffissata bil-quddiem permezz ta' kuntratt bejn il-partijiet ikkonċernati.
[23]	Biex timtela biss meta l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tipprevedi hekk.
[24]	[mhumiex qegħdin jintużaw]
[25]	[mhumiex qegħdin jintużaw]
[26]	[mhumiex qegħdin jintużaw]
[27]	[mhumiex qegħdin jintużaw]
[28]	Din l-informazzjoni hija meħtieġa fejn (a) ma jiġix applikat trattament preferenzjali; jew (b) il-pajjiż ta' oriġini nonpreferenzjali jkun differenti mill-pajjiż ta' oriġini preferenzjali.
[29]	Din l-informazzjoni hija meħtieġa fejn jiġi applikat trattament preferenzjali bl-użu tal-kodiċi xieraq f'E.D. 4/17, Preferenza.
[30]	Din l-informazzjoni għandha tintuża biss fil-każ ta' żdoganar ċentralizzat.
[31]	Din l-informazzjoni għandha tintuża biss fil-każ li d-dikjarazzjoni għal ħażna temporanja jew id-dikjarazzjoni doganali għat-tqegħid tal-merkanzija taħt proċedura speċjali minbarra ta' tranżitu tiġi ppreżentata f'uffiċċju doganali li jkun differenti mill-uffiċċju doganali tas-sorveljanza kif indikat fl-awtorizzazzjoni rispettiva.
[32]	Din l-informazzjoni għandha tkun meħtieġa biss fil-każ ta' tranżazzjonijiet kummerċjali li jinvolvu tal-inqas żewġ Stati Membri.
[33]	Din l-informazzjoni għandha tingħata biss jekk ir-rilaxx tal-merkanzija taħt ħażna temporanja jikkonċerna biss partijiet mid-dikjarazzjoni għal ħażna temporanja li tkun ġiet ippreżentata qabel fir-rigward tal-merkanzija kkonċernata.
[34]	[mhumiex qegħdin jintużaw]
[35]	[mhumiex qegħdin jintużaw]
[36]	[mhumiex qegħdin jintużaw]
[37]	[mhumiex qegħdin jintużaw]
[38]	[mhumiex qegħdin jintużaw]
[39]	[mhumiex qegħdin jintużaw]
[40]	[mhumiex qegħdin jintużaw]
[41]	Dan l-element ta' data ma hemmx bżonn li jingħata meta l-formalitajiet tal-importazzjoni jsiru fil-punt tad-dħul fit-territorju doganali tal-Unjoni.

Nota numru	Deskrizzjoni tan-nota
[42]	[mhumiex qegħdin jintużaw]
[43]	Ma tridx tintuża fil-każ ta' konsenji postali jew ta' ġarr bi stallazzjonijiet fissi tat-trasport.
[44]	[mhumiex qegħdin jintużaw]
[45]	[mhumiex qegħdin jintużaw]
[46]	Ma tridx tintuża fil-każ ta' konsenji postali jew ta' ġarr bi stallazzjonijiet fissi tat-trasport jew tal-ferrovija.
[47]	[mhumiex qegħdin jintużaw]
[48]	[mhumiex qegħdin jintużaw]
[49]	Din l-informazzjoni għandha tingħata biss fil-każ tat-tqegħid tal-merkanzija taħt il-proċedura ta' użu finali, jew fil-każ ta' importazzjoni antiċipata ta' prodotti proċessati jew ta' importazzjoni antiċipata ta' prodotti sostituti.
[50]	L-Istat Membru ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni jista' jirrinunzja għall-obbligu li tingħata din l-informazzjoni fejn ikun f'pożizzjoni biex jivvalutaha b'mod korrett u jkun implimenta rutini ta' kalkolu biex jingħata riżultat kompatibbli mar-rekwiżiti statistiċi.
[51]	Dan l-element tad-data għandu jintuża biss f'dikjarazzjonijiet supplimentari.
[52]	Din l-informazzjoni mhix meħtieġa għall-konsenji postali.
[53]	Din l-informazzjoni mhix meħtieġa: (a) meta l-merkanzija tiġi ddikjarata għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera skont l-iskema speċjali għall-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata minn pajjiżi u territorji terzi stabbiliti fit-Titolu XII tal-Kapitolu 6, it-Taqsima 4 tad-Direttiva 2006/112/KE; jew (b) meta l-merkanzija tkun ta' natura mhux kummerċjali mibgħuta minn pajjiż terz minn persuni privati lil persuni privati oħra fi Stat Membru u eżenti mill-VAT skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/79/KE.
[54]	Din l-informazzjoni hija meħtieġa biss meta l-merkanzija tiġi ddikjarata għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera skont l-iskema speċjali għall-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata minn pajjiżi u territorji terzi stabbiliti fit-Titolu XII tal-Kapitolu 6, it-Taqsima 4 tad-Direttiva 2006/112/KE.
[55]	Din l-informazzjoni hija meħtieġa biss jekk id-dikjarazzjoni tikkonċerna merkanzija msemmija fl-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009.

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/79/KE tal-5 ta' Ottubru 2006 dwar eżenzjonijiet mit-taxxi applikabbli għall-importazzjoni ta' kunsinni żgħar ta' merkanzija ta' natura mhux kummerċjali minn pajjiżi terzi (ĠU L 286, 17.10.2006, p. 15).

TITOLU II

Noti dwar ir-rekwiżiti tad-data

Introduzzjoni

Id-deskrizzjonijiet u n-noti li jinsabu f'dan it-titolu japplikaw għall-elementi tad-data msemmija fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu 3 tat-Titolu I ta' dan l-Anness.

Rekwiżiti tad-data

Grupp 1 – Informazzjoni fil-messaġġ (inkluż kodiċijiet ta' proċedura)

1/1. ***Tip ta' dikjarazzjoni***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni.

1/2. ***Tip ta' Dikjarazzjoni Addizzjonali***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni.

1/6. ***Numru tal-oġġett tal-merkanzija***

Il-kolonni H1 sa H6 u I1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

In-numru tal-oġġett individwali fir-rigward tal-għadd totali ta' merkanzija li hemm fid-dikjarazzjoni, id-dikjarazzjoni fil-qosor, in-notifika jew il-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni, fejn ikun hemm aktar minn oġġett wieħed.

Il-kolonna I2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

In-numru tal-oġġett assenjat lill-merkanzija meta tiddaħħal fir-reġistri tad-dikjarant.

1/8. ***Firma/Awtentikazzjoni***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Firma jew awtentikazzjoni b'mod ieħor tad-dikjarazzjoni, tan-notifika jew tal-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni rilevanti.

Fil-każ ta' dikjarazzjonijiet stampati, l-oriġinal tal-firma bil-miktub tal-persuna kkonċernata għandu jingħata fuq il-kopja tad-dikjarazzjoni li għandha tibqa fl-uffiċċju tal-esportazzjoni/dispaċċ/importazzjoni, segwita mill-isem sħiħ ta' dik il-persuna. Fejn dik il-persuna ma tkunx persuna fiżika, il-firmatarju għandu jżid il-kapaċità tiegħu wara l-firma u l-isem sħiħ tiegħu.

1/10. ***Proċedura***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti tal-Unjoni, daħħal il-proċedura li għaliha l-merkanzija hija dikjarata.

1/11. ***Proċedura addizzjonali***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni jew il-kodiċi tal-proċedura addizzjonali kif previst mill-Istat Membru kkonċernat.

Grupp 2 – Referenzi ta' messaġġi, dokumenti, ċertifikati, awtorizzazzjonijiet

2/1. ***Dikjarazzjoni simplifikata/Dokumenti preċedenti***

Il-kolonna H1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Daħħal id-dettalji relatati mat-tħassir tal-merkanzija ddikjarata fid-dikjarazzjoni kkonċernata, b'rabta mat-tmiem tal-ħażna temporanja.

Tali dettalji għandhom jinkludu l-kwantità tat-tħassir, u l-unità ta' kejl rispettiva.

Il-kolonni H1 sa H5, I1 u I2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti tal-Unjoni, daħħal l-MRN tad-dikjarazzjoni għal ħażna temporanja, jew referenza oħra għal kwalunkwe dokument preċedenti.

L-identifikatur tal-oġġett individwali tal-merkanzija għandu jingħata biss f'każijiet fejn ikun neċessarju għall-identifikazzjoni mingħajr ambigwità tal-oġġett individwali tal-merkanzija kkonċernat.

2/2. ***Informazzjoni addizzjonali***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, u, jekk applikabbli, il-kodiċi(jiet) previst(i) mill-Istat Membru kkonċernat.

Fejn il-liġi tal-Unjoni ma tispeċifikax il-post fejn trid tiddaħħal l-informazzjoni, dik l-informazzjoni għandha tiddaħħal f'E.D. 2/2 Informazzjoni addizzjonali.

2/3. ***Id-dokumenti mfassla, iċ-ċertifikati u l-awtorizzazzjonijiet, ir-referenzi addizzjonali***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

(a) L-identifikazzjoni jew in-numru ta' referenza ta' dokumenti, ċertifikati u awtorizzazzjonijiet tal-Unjoni jew internazzjonali li jiġu ppreżentati b'appoġġ tad-dikjarazzjoni, u referenzi addizzjonali.

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal id-dettalji meħtieġa minn kwalunkwe regola speċifika applikabbli flimkien ma' data ta' referenza tad-dokumenti preżentati b'appoġġ tad-dikjarazzjoni, u referenzi addizzjonali.

Fil-każijiet fejn id-dikjarant jew l-importatur għal dikjarazzjonijiet tal-importazzjoni jew l-esportatur għal dikjarazzjonijiet ta' esportazzjoni jkun id-detentur ta' deċiżjoni BTI u/jew BOI valida li tkopri l-merkanzija kkonċernata mid-dikjarazzjoni, id-dikjarant għandu jindika n-numru ta' referenza tad-deċiżjoni BTI u/jew BOI.

(b) L-identifikazzjoni jew in-numru ta' referenza ta' dokumenti, ċertifikati u awtorizzazzjonijiet nazzjonali ppreżentati b'appoġġ tad-dikjarazzjoni, u referenzi addizzjonali.

Il-kolonni H1 sa H5 u I1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Numru ta' referenza tal-awtorizzazzjoni għall-iżdoganar ċentralizzat. Din l-informazzjoni trid tingħata, sakemm ma tistax tiġi dderivata mingħajr ambigwità minn elementi oħra ta' data, bħan-numru EORI tad-detentur tal-awtorizzazzjoni.

Il-kolonna H1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Daħħal id-dettalji relatati mat-tħassir tal-merkanzija ddikjarata fid-dikjarazzjoni kkonċernata, b'rabta mal-liċenzji u ċ-ċertifikati ta' importazzjoni/esportazzjoni.

Tali dettalji għandhom jinkludu r-referenza għall-awtorità li toħroġ il-liċenzja jew iċ-ċertifikat ikkonċernat(a), il-perjodu ta' validità tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat ikkonċernat(a), l-ammont jew il-kwantità tat-tħassir u l-unità rispettiva ta' kejl.

Fejn il-kuntratt ta' bejgħ tal-merkanzija kkonċernata ikollu numru ta' identifikazzjoni, għandu jiddaħħal dak in-numru. Jekk applikabbli, daħħal ukoll id-data tal-kuntratt tal-bejgħ.

Ħlief fejn ikun essenzjali għad-determinazzjoni korretta tal-valur doganali, l-Istat Membru ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni għandu jirrinunzja għall-obbligu li tingħata informazzjoni dwar id-data u n-numru tal-kuntratt tal-bejgħ,

— fejn il-valur doganali tal-merkanzija importata f'konsenja ma jaqbiżx l-EUR 20 000 sakemm ma tikkostitwix konsenja maqsuma jew konsenji multipli mill-istess speditur lill-istess konsenjatarju, jew

— fejn l-importazzjoni tkun ta' natura mhux kummerċjali, jew

— fil-każ ta' traffiku kontinwu ta' merkanzija fornuta mill-istess bejjiegħ lill-istess xerrej taħt l-istess kundizzjonijiet kummerċjali.

Fejn il-valur doganali tal-merkanzija inkwistjoni ma jistax jiġi ddeterminat skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 70 tal-Kodiċi, l-Istati Membri jistgħu jirrinunzjaw għall-obbligu li tingħata informazzjoni dwar id-data u n-numru tal-kuntratt tal-bejgħ. F'każijiet bħal dawn id-dikjarant għandu jipprovdi jew jagħmel mezz li l-awtoritajiet doganali jiġu provduti b'informazzjoni oħra li tista' tintalab għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur doganali.

Il-kolonna I1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Numru ta' referenza tal-awtorizzazzjoni għal dikjarazzjonijiet simplifikati. Din l-informazzjoni trid tingħata, sakemm ma tistax tiġi dderivata mingħajr ambigwità minn elementi oħra ta' data, bħan-numru EORI tad-detentur tal-awtorizzazzjoni.

Fejn jintalab benefiċċju minn kwota tariffarja fuq bażi ta' jinqeda l-ewwel min jasal l-ewwel għall-merkanzija dikjarata fid-dikjarazzjoni simplifikata, id-dokumenti kollha meħtieġa għandhom jiġu ddikjarati fid-dikjarazzjoni simplifikata u għandhom ikunu disponibbli għad-dikjarant u għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet doganali sabiex id-dikjarant ikun jista' jibbenefika mill-kwota tariffarja skont id-data tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni simplifikata.

2/4. ***Numru ta' referenza/UCR***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Din l-entrata titratta n-numru ta' referenza kummerċjali uniku assenjat mill-persuna kkonċernata lill-konsenja inkwistjoni. Tista' tieħu l-forma ta' kodiċijiet tad-WCO (ISO 15459) jew ekwivalenti. Tipprovdi aċċess għad-data kummerċjali sottostanti ta' interess għad-dwana.

2/5. ***LRN***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

In-numru ta' referenza lokali (LRN) għandu jintuża. Jiġi definit fuq livell nazzjonali u jiġi allokat mid-dikjarant bi ftehim mal-awtoritajiet kompetenti biex tiġi identifikata kull dikjarazzjoni individwali.

2/6. ***Pagament differit***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal, fejn applikabbli, id-data ta' referenza tal-awtorizzazzjoni inkwistjoni; hawnhekk pagament differit jista' jirreferi kemm għal pagament differit tad-dazju tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni kif ukoll għal kreditu tat-taxxa.

2/7. ***Identifikazzjoni tal-maħżen***

Il-kolonni H1 sa H5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal it-tip ta' faċilità ta' ħżin, segwit min-numru tal-awtorizzazzjoni tal-maħżen jew tal-faċilità ta' ħażna temporanja kkonċernata.

Grupp 3 –Partijiet

3/1. ***Esportatur***

Il-kolonna H6 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Daħħal l-isem u l-indirizz sħiħ tal-persuna li tkun qed tikkonsenja l-merkanzija kif stipulat fil-kuntratt tat-trasport mill-parti li tkun qed tordna t-trasport.

Il-kolonni H1, H3, H4 u I1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Daħħal l-isem u l-indirizz sħiħ tal-aħħar bejjiegħ tal-merkanzija qabel ma ġiet importata fl-Unjoni.

Il-kolonna H5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Daħħal l-isem u l-indirizz sħiħ tal-ispeditur li jaġixxi bħala 'esportatur' fil-kuntest tal-kummerċ ma' territorji fiskali speċjali. L-ispeditur huwa l-aħħar bejjiegħ tal-merkanzija qabel ma tiġi ntrodotta fit-territorju fiskali fejn il-merkanzija se tiġi rilaxxata.

3/2. ***Nru ta' identifikazzjoni tal-esportatur***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

L-esportatur huwa l-persuna ddefinita fl-Artikolu 1(19).

Daħħal in-numru EORI tal-persuna kkonċernata kif imsemmi fl-Artikolu 1(18).

Fejn l-esportatur ma jkollux numru EORI, l-amministrazzjoni doganali tista' tassenjalu numru ad hoc għad-dikjarazzjoni kkonċernata.

Il-kolonni H1, H3 u H4 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Daħħal in-numru EORI tal-aħħar bejjiegħ tal-merkanzija qabel ma tkun ġiet importata fl-Unjoni.

Meta jingħataw faċilitazzjonijiet fil-qafas ta' xi programm ta' sħubija kummerċjali ta' pajjiżi terzi li jkun rikonoxxut mill-Unjoni, din l-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' numru ta' identifikazzjoni uniku ta' pajjiż terz li jkun tpoġġa għad-dispożizzjoni tal-Unjoni mill-pajjiż terz ikkonċernat. Dak in-numru jista' jintuża kull meta jkun disponibbli għad-dikjarant.

Il-kolonni H1 u H3 sa H6 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Fejn ikun meħtieġ numru ta' identifikazzjoni, daħħal in-numru EORI tal-persuna kkonċernata kif imsemmi fl-Artikolu 1(18). Jekk l-esportatur ma jkunx ġie assenjat numru EORI, daħħal in-numru mitlub mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat.

Il-kolonna H5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Daħħal in-numru EORI tal-ispeditur li jaġixxi bħala 'esportatur' fil-kuntest tal-kummerċ ma' territorji fiskali speċjali. L-ispeditur huwa l-aħħar bejjiegħ tal-merkanzija qabel ma tiġi ntrodotta fit-territorju fiskali fejn il-merkanzija se tiġi rilaxxata.

3/15. ***Importatur***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

L-isem u l-indirizz tal-parti li tagħmel, jew li f'isimha ssir dikjarazzjoni ta' importazzjoni.

3/16. ***In-numru tal-identifikazzjoni tal-importatur***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Numru ta' identifikazzjoni tal-parti li tagħmel, jew li f'isimha ssir dikjarazzjoni ta' importazzjoni.

Daħħal in-numru EORI msemmi fl-Artikolu 1(18) tal-persuna kkonċernata. Fejn l-importatur ma jkollux numru EORI, l-amministrazzjoni doganali tista' tassenjalu numru ad hoc għad-dikjarazzjoni kkonċernata.

Fejn l-importatur ma jkunx irreġistrat f'EORI peress li ma jkunx operatur ekonomiku jew ma jkunx stabbilit fl-Unjoni, daħħal in-numru meħtieġ mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat.

3/17. ***Dikjarant***

Il-kolonni H1 sa H6 u I1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Daħħal l-isem u l-indirizz sħaħ tal-persuna kkonċernata.

Jekk id-dikjarant u l-importatur ikunu l-istess persuna, daħħal il-kodiċi rilevanti definit għal E.D. 2/2 Informazzjoni addizzjonali.

3/18. ***In-numru tal-identifikazzjoni tad-dikjarant***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal in-numru EORI msemmi fl-Artikolu 1(18).

Il-kolonni H1 sa H6 u I1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Meta d-dikjarant ma jkollux numru EORI, l-amministrazzjoni doganali tista' tassenjalu numru ad hoc għad-dikjarazzjoni kkonċernata.

3/19. ***Rappreżentant***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Din l-informazzjoni hija meħtieġa, jekk ikun differenti minn E.D. 3/17 Dikjarant jew fejn xieraq E.D. 3/22 Detentur tal-proċedura ta' tranżitu.

3/20. ***Identifikazzjoni rappreżentattiva***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Din l-informazzjoni hija meħtieġa jekk tkun differenti minn E.D. 3/18 Numru ta' identifikazzjoni tad-dikjarant jew fejn xieraq E.D. 3/23 Numru ta' identifikazzjoni tad-detentur tal-proċedura ta' tranżitu, E.D. 3/30 Numru ta' identifikazzjoni tal-persuna li tippreżenta l-merkanzija lid-dwana, E.D.3/42 Numru ta' identifikazzjoni tal-persuna li tippreżenta l-manifest tal-merkanzija doganali, E.D. 3/43 Numru ta' identifikazzjoni tal-persuna li titlob prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni jew E.D. 3/44 Numru ta' identifikazzjoni tal-persuna li tinnotifika l-wasla tal-merkanzija wara moviment taħt ħażna temporanja.

Daħħal in-numru EORI tal-persuna kkonċernata, kif imsemmi fl-Artikolu 1(18).

3/21. ***Kodiċi tal-istatus tar-rappreżentant***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-kodiċi rilevanti li jirrappreżenta l-istatus tar-rappreżentant.

3/24. ***Bejjiegħ***

Il-kolonna H1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Fejn il-bejjiegħ ikun differenti mill-persuna pprovduta f'E.D. 3/1. Esportatur, daħħal l-isem u l-indirizz sħiħ tal-bejjiegħ tal-merkanzija, jekk in-numru EORI tiegħu ma jkunx disponibbli għad-dikjarant. Fil-każ li l-valur doganali jiġi kkalkolat skont l-Artikolu 74 tal-Kodiċi, din l-informazzjoni għandha tingħata, jekk tkun disponibbli.

3/25. ***In-numru tal-identifikazzjoni tal-bejjiegħ***

Il-kolonna H1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Fejn il-bejjiegħ ikun differenti mill-persuna pprovduta f'E.D. 3/1. Esportatur, daħħal in-numru EORI tal-bejjiegħ tal-merkanzija, meta dan in-numru jkun disponibbli. Fil-każ li l-valur doganali jiġi kkalkolat skont l-Artikolu 74 tal-Kodiċi, din l-informazzjoni għandha tingħata, jekk tkun disponibbli.

Meta jingħataw faċilitazzjonijiet fil-qafas ta' xi programm ta' sħubija kummerċjali ta' pajjiżi terzi li jkun rikonoxxut mill-Unjoni, din l-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' numru ta' identifikazzjoni uniku ta' pajjiż terz li jkun tpoġġa għad-dispożizzjoni tal-Unjoni mill-pajjiż terz ikkonċernat. Dak in-numru jista' jintuża kull meta jkun disponibbli għad-dikjarant.

3/26. ***Xerrej***

Il-kolonna H1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Fejn ix-xerrej ikun differenti mill-persuna pprovduta f'E.D. 3/15 Importatur, daħħal l-isem u l-indirizz tax-xerrej tal-merkanzija fejn in-numru EORI tiegħu ma jkunx disponibbli għad-dikjarant.

Fil-każ li l-valur doganali jiġi kkalkolat skont l-Artikolu 74 tal-Kodiċi, din l-informazzjoni għandha tingħata, jekk tkun disponibbli.

3/27. ***In-numru tal-identifikazzjoni tax-xerrej***

Il-kolonna H1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Fejn ix-xerrej ikun differenti mill-persuna pprovduta f'E.D. 3/16 Importatur, din l-informazzjoni tieħu l-forma tan-numru EORI msemmi fl-Artikolu 1(18) tax-xerrej tal-merkanzija, fejn dan in-numru jkun disponibbli.

Fil-każ li l-valur doganali jiġi kkalkolat skont l-Artikolu 74 tal-Kodiċi, din l-informazzjoni għandha tingħata, jekk tkun disponibbli.

Meta jingħataw faċilitazzjonijiet fil-qafas ta' xi programm ta' sħubija kummerċjali ta' pajjiżi terzi li jkun rikonoxxut mill-Unjoni, din l-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' numru ta' identifikazzjoni uniku ta' pajjiż terz li jkun tpoġġa għad-dispożizzjoni tal-Unjoni mill-pajjiż terz ikkonċernat. Dak in-numru jista' jintuża kull meta jkun disponibbli għad-dikjarant.

3/37. ***In-numru tal-identifikazzjoni tal-attur(i) addizzjonali fil-katina tal-provvista***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Numru uniku ta' identifikazzjoni assenjat lil operatur ekonomiku ta' pajjiż terz fil-qafas ta' programm ta' sħubija kummerċjali żviluppat skont il-Qafas ta' Standards li Jiżguraw u Jiffaċilitaw il-Kummerċ Globali tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali li jkun rikonoxxut mill-Unjoni Ewropea.

L-identifikatur tal-parti kkonċernata għandu jkun preċedut minn kodiċi tar-rwol li jispeċifika r-rwol tiegħu fil-katina tal-provvista.

3/39. ***Numru ta' identifikazzjoni tad-detentur tal-awtorizzazzjoni***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal it-tip tal-awtorizzazzjoni u n-numru EORI tad-detentur tal-awtorizzazzjoni kif previst fl-Artikolu 1(18).

3/40. ***Numru ta' identifikazzjoni tar-referenzi fiskali addizzjonali***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Meta jintuża l-kodiċi ta' proċedura 42 jew 63, għandha tiddaħħal l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 143(2) tad-Direttiva 2006/112/KE.

Meta l-merkanzija tiġi ddikjarata għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera skont l-iskema speċjali għall-bejgħ mill-boġhod ta' merkanzija importata minn pajjiżi u territorji terzi stabbiliti fit-Titolu XII tal-Kapitolu 6 it-Taqsima 4 tad-Direttiva 2006/112/KE, għandu jingħata n-numru tal-VAT speċjali attribwit għall-użu ta' din l-iskema.

3/41. ***Numru ta' identifikazzjoni tal-persuna li tippreżenta l-merkanzija lid-dwana fil-każ ta' entrata fir-reġistri tad-dikjarant jew ta' dikjarazzjoni doganali li tkun ġiet ippreżentata qabel***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Din l-informazzjoni tieħu l-forma tan-numru EORI msemmi fl-Artikolu 1(18) tal-persuna li tippreżenta l-merkanzija lid-dwana fil-każijiet fejn id-dikjarazzjoni ssir permezz ta' entrata fir-reġistri tad-dikjarant.

3/45. ***Numru ta' identifikazzjoni tal-persuna li tipprovdi garanzija***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Din l-informazzjoni tieħu l-forma tan-numru EORI msemmi fl-Artikolu 1(18) tal-persuna li tipprovdi l-garanzija, jekk tkun differenti mid-dikjarant.

3/46. ***Numru ta' identifikazzjoni tal-persuna li tħallas id-dazju doganali***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Din l-informazzjoni tieħu l-forma tan-numru EORI msemmi fl-Artikolu 1(18) tal-persuna li tħallas id-dazju doganali, jekk tkun differenti mid-dikjarant.

Grupp 4 – Informazzjoni dwar il-valwazzjoni/Taxxi

4/1. ***Termini tal-konsenja***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċi u tal-intestaturi rilevanti tal-Unjoni, agħti dettalji dwar it-termini tal-kuntratt kummerċjali.

4/3. ***Kalkolu tat-taxxi – Tip ta' taxxa***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni u, jekk applikabbli, il-kodiċi(jiet) previsti mill-Istat Membru kkonċernat, daħħal it-tipi ta' taxxa għal kull tip ta' dazju jew taxxa applikabbli għall-merkanzija kkonċernata.

4/4. ***Kalkolu tat-taxxi – Bażi tat-taxxa***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal id-dazju jew il-bażi tat-taxxa applikabbli (valur, piż jew oħrajn).

4/5. ***Kalkolu tat-taxxi – Rata tat-taxxa***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal ir-rati għal kull dazju u taxxa applikabbli.

4/6. ***Kalkolu tat-taxxi – Ammont tat-taxxa pagabbli***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħal l-ammont għal kull dazju u taxxa applikabbli.

L-ammonti f'din il-kaxxa għandhom jiġu espressi fl-unità tal-munita li l-kodiċi tagħha jista' jidher f'E.D. 4/12. Unità tal-munita interna, jew, jekk ma jkunx hemm kodiċi bħal dan f'E.D. 4/12 Unità tal-munita interna, fil-munita tal-Istat Membru fejn jitwettqu l-formalitajiet tal-importazzjoni.

4/7. ***Kalkolu tat-taxxi – Total***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal l-ammont totali ta' dazji u taxxi għall-merkanzija kkonċernata.

L-ammonti f'din il-kaxxa għandhom jiġu espressi fl-unità tal-munita li l-kodiċi tagħha jista' jidher f'E.D. 4/12. Unità tal-munita interna, jew, jekk ma jkunx hemm kodiċi bħal dan f'E.D. 4/12 Unità tal-munita interna, fil-munita tal-Istat Membru fejn jitwettqu l-formalitajiet tal-importazzjoni.

4/8. ***Kalkolu tat-taxxi — Metodu ta' ħlas***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, indika l-metodu ta' ħlas applikat.

4/9. ***Żidiet u Tnaqqis***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Għal kull tip ta' żieda jew ta' tnaqqis rilevanti għal oġġett partikulari tal-merkanzija, daħħal il-kodiċi rilevanti segwit mill-ammont korrispondenti fil-munita nazzjonali li jkun għadu ma ġiex inkluż fi jew imnaqqas mill-prezz tal-oġġett.

4/10. ***Munita tal-fattura***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti, daħħal il-munita li fiha tkun inħarġet il-fattura kummerċjali.

Din l-informazzjoni tintuża flimkien ma' E.D. 4/11 Ammont totali fatturat u ma' E.D. 4/14 Ammont/prezz ta' kull oġġett individwali, fejn dan ikun meħtieġ għall-kalkolu tad-dazji tal-importazzjoni.

4/11. ***Ammont totali fatturat***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-prezz fatturat għall-merkanzija kollha dikjarata fid-dikjarazzjoni espress fl-unità tal-munita dikjarata f'E.D. 4/10 Munita tal-fattura.

4/12. ***Unità tal-munita interna***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Dikjarazzjonijiet li jsiru fi Stati Membri li, matul il-perjodu tranżitorju għall-introduzzjoni tal-euro, jagħtu l-opportunità lill-operaturi ekonomiċi li jagħżlu li jużaw l-unità tal-euro għall-iffissar tad-dikjarazzjonijiet doganali tagħhom, f'din il-kaxxa għandhom jinkludu indikatur tal-unità tal-munita, tal-unità nazzjonali jew tal-unità tal-euro, użata.

4/13. ***Indikaturi tal-valutazzjoni***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal il-kombinazzjoni ta' indikaturi biex tiddikjara jekk il-valur tal-merkanzija huwiex determinat minn fatturi speċifiċi.

4/14. ***Prezz/ammont tal-oġġett***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Prezz tal-merkanzija għall-oġġett individwali fid-dikjarazzjoni kkonċernat, espress fl-unità tal-munita dikjarata f'E.D. 4/10 Munita tal-fattura.

4/15. ***Rata tal-kambju***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Dan l-element ta' data fih ir-rata tal-kambju ffissata bil-quddiem permezz ta' kuntratt bejn il-partijiet kkonċernati.

4/16. ***Metodu ta' valutazzjoni***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal il-metodu ta' valwazzjoni użat.

4/17. ***Preferenza***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Dan l-element ta' data jittratta informazzjoni dwar it-trattament tariffarju tal-merkanzija. Fejn l-użu tiegħu jkun previst bħala mandatorju fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 3 tat-Titolu I ta' dan l-Anness, għandu jintuża anke meta ma jintalab ebda trattament tariffarju preferenzjali. Daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni.

F'intervalli regolari l-Kummissjoni se tippubblika l-lista tal-kombinazzjonijiet ta' kodiċi li jistgħu jintużaw, flimkien ma' eżempji u noti.

4/18. ***Valur***

Il-kolonna H6 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Biċċa mill-kontenut, valur iddikjarat: Kodiċi tal-munita u l-valur monetarju tal-biċċa mill-kontenut, dikjarat għal finijiet doganali.

4/19. ***Spejjeż tat-trasport lejn id-destinazzjoni finali***

Il-kolonna H6 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Oġġett individwali; posta mħallsa: Kodiċi tal-munita u l-ammont ta' posta mħallas minn jew iċċarġjat lil min jibgħat il-merkanzija.

Grupp 5 – Dati/Ħinijiet/Perjodi/Postijiet/Pajjiżi/Reġjuni

5/8. ***Kodiċi tal-pajjiż tad-destinazzjoni***

Il-kolonni H1, H2 u H5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal il-kodiċi għall-Istat Membru fejn tkun tinsab il-merkanzija fil-ħin tar-rilaxx fil-proċedura doganali jew, fir-rigward tal-kolonna H5, f'użu domestiku.

Madankollu, meta fil-ħin li tkun qed issir id-dikjarazzjoni doganali ikun magħruf li l-merkanzija se tiġi trasportata lejn Stat Membru ieħor wara r-rilaxx, daħħal il-kodiċi għal dan l-aħħar Stat Membru.

Il-kolonna H3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Fejn merkanzija tiġi mportata bil-ħsieb li titqiegħed taħt proċedura ta' aċċettazzjoni temporanja, l-Istat Membru tad-destinazzjoni għandu jkun l-Istat Membru fejn il-merkanzija se tintuża għall-ewwel darba.

Il-kolonna H4 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Fejn merkanzija tiġi mportata bil-ħsieb li titqiegħed taħt proċedura ta' proċessar attiv, l-Istat Membru tad-destinazzjoni għandu jkun l-Istat Membru fejn issir l-ewwel attività ta' proċessar.

5/9. ***Kodiċi tar-reġjun tad-destinazzjoni***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti definit mill-Istati Membri, daħħal ir-reġjun tad-destinazzjoni tal-merkanzija fl-Istat Membru kkonċernat.

5/14. ***Kodiċi tal-pajjiż tad-dispaċċ/tal-esportazzjoni***

Il-kolonni H1 sa H5 u I1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Jekk la tkun saret tranżazzjoni kummerċjali (eż. bejgħ jew proċessar), u lanqas waqfa mhux relatata mat-trasport tal-merkanzija f'pajjiż intermedju, daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni biex tindika l-pajjiż minn fejn il-merkanzija kienet inizjalment mibgħuta lill-Istat Membru li fih tinsab il-merkanzija fil-ħin tar-rilaxx tagħha fil-proċedura doganali. Jekk ikun sar tali waqfien jew tranżazzjoni kummerċjali, indika l-aħħar pajjiż intermedju.

Għall-finijiet ta' dan ir-rekwiżit tad-data, twaqqif biex tkun tista' seħħ il-konsolidazzjoni tal-oġġetti en-route, għandu jitqies bħala wieħed li hu relatat mat-trasport tal-oġġetti.

5/15. ***Kodiċi tal-pajjiż ta' oriġini***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni għall-pajjiż ta' oriġini nonpreferenzjali, kif iddefinit fil-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Kodiċi.

5/16. ***Kodiċi tal-pajjiż tal-oriġini preferenzjali***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Jekk jintalab trattament preferenzjali abbażi tal-oriġini tal-merkanzija f'E.D. 4/17 Preferenza, daħħal il-pajjiż ta' oriġini, kif indikat fil-prova tal-oriġini. Fejn il-prova tal-oriġini tirreferi għal grupp ta' pajjiżi, daħħal il-grupp ta' pajjiżi billi tuża l-kodiċijiet rilevanti tal-Unjoni.

5/23. ***Post tal-merkanzija***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti, daħħal il-post fejn il-merkanzija tista' tiġi eżaminata. Dan il-post għandu jkun preċiż biżżejjed biex jippermetti lid-dwana twettaq il-kontroll fiżiku tal-merkanzija.

5/26. ***Uffiċċju doganali ta' preżentazzjoni***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, indika l-uffiċċju doganali fejn il-merkanzija tiġi preżentata bil-għan li titqiegħed taħt proċedura doganali.

5/27. ***Uffiċċju doganali tas-sorveljanza***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, speċifika l-uffiċċju doganali indikat fl-awtorizzazzjoni rispettiva li se jissorvelja l-proċedura.

5/29. ***Data tal-preżentazzjoni tal-merkanzija***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Indika d-data li fiha li fiha ġiet ippreżentata l-merkanzija lid-dwana skont l-Artikolu 139 tal-Kodiċi.

5/31. ***Data tal-aċċettazzjoni***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal id-data tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni simplifikata jew id-data meta l-merkanzija ddaħħlet fir-rekords tad-dikjarant.

Grupp 6 – Identifikazzjoni tal-merkanzija

6/1. ***Massa netta (kg)***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-massa netta, espressa f'kilogrammi, tal-merkanzija kkonċernata mid-dikjarazzjoni rilevanti tal-oġġett individwali tal-merkanzija. Il-massa netta hija l-massa tal-oġġett mingħajr kwalunkwe ippakkjar.

Meta massa netta akbar minn 1 kg tinkludi frazzjoni ta' unità (kg), tista' tiġi aġġustata b'dan il-mod:

— minn 0,001 sa 0,499: jiġi aġġustat 'l isfel sal-eqreb kg,

— minn 0,5 sa 0,999: jiġi aġġustat 'il fuq sal-eqreb kg.

Massa netta ta' anqas minn 1 kg għandha tiddaħħal bħala '0.' segwita minn għadd ta' deċimali sa 6, u jitneħħew iż-'0' kollha fit-tarf tal-kwantità (eż. 0,123 għal pakkett ta' 123 gramma, 0,00304 għal pakkett ta' 3 grammi u 40 milligramma jew 0,000654 għal pakkett ta' 654 milligramma).

6/2. ***Unitajiet supplimentari***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Fejn ikun meħtieġ, daħħal il-kwantità tal-oġġett inkwistjoni, mogħtija fl-unità stabbilita fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, kif ippubblikata fit-TARIC.

6/5. ***Massa grossa (kg)***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Il-massa grossa hija l-piż tal-merkanzija inkluż l-ippakkjar, iżda mingħajr it-tagħmir tat-trasportatur għad-dikjarazzjoni.

Meta massa grossa akbar minn 1 kg tinkludi frazzjoni ta' unità (kg), din tista' tkun imqarrba b'dan il-mod:

— minn 0,001 sa 0,499: jiġi aġġustat 'l isfel sal-eqreb kg,

— minn 0,5 sa 0,999: jiġi aġġustat 'il fuq sal-eqreb kg.

Massa netta ta' anqas minn 1 kg għandha tiddaħħal bħala '0.' segwita minn għadd ta' deċimali sa 6, u jitneħħew iż-'0' kollha fit-tarf tal-kwantità (eż. 0,123 għal pakkett ta' 123 gramma, 0,00304 għal pakkett ta' 3 grammi u 40 milligramma jew 0,000654 għal pakkett ta' 654 milligramma).

Il-kolonni H1 sa H6, I1 u I2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Daħħal il-massa grossa, espressa f'kilogrammi, tal-merkanzija kkonċernata mil-oġġett individwali rilevanti tal-merkanzija.

Fejn il-piż tal-palits jiġi inkluż fid-dokumenti tat-trasport, il-piż tal-palits għandu jiġi inkluż ukoll fil-kalkolu tal-massa grossa, ħlief għall-każijiet li ġejjin:

a) Il-palit jifforma entrata separata fuq id-dikjarazzjoni doganali

b) Ir-rata tad-dazju għall-oġġett inkwistjoni tkun ibbażata fuq il-piż gross u/jew il-kwota tariffarja għall-oġġett inkwistjoni tiġi ġestita f'unità ta' kejl 'piż gross'.

6/8. ***Deskrizzjoni tal-merkanzija***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Meta d-dikjarant jipprovdi l-kodiċi tas-CUS għal sustanzi u preparazzjonijiet kimiċi, l-Istati Membri jistgħu jirrinunzjaw għall-ħtieġa li tingħata deskrizzjoni preċiża tal-merkanzija.

Il-kolonni H1 sa H5 u I1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Id-deskrizzjoni tal-oġġetti tfisser id-deskrizzjoni kummerċjali normali. Ħlief għal merkanzija mhux tal-Unjoni li jitqiegħdu taħt proċedura tal-ħażna doganali f'maħżen doganali pubbliku tat-tip I, II jew III jew f'maħżen doganali privat, din id-deskrizzjoni għandha tiġi espressa f'termini preċiżi biżżejjed biex tippermetti l-identifikazzjoni u l-klassifikazzjoni immedjata u mingħajr ambigwità tal-merkanzija.

Il-kolonna H6 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Deskrizzjoni b'lingwaġġ sempliċi li tkun preċiża biżżejjed biex is-servizzi tad-Dwana jkunu jistgħu jidentifikaw il-merkanzija.

6/9. ***Tip ta' pakketti***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Kodiċi li jispeċifika t-tip ta' pakkett.

6/10. ***Numru ta' pakketti***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

L-għadd totali ta' pakketti abbażi tal-iżgħar unità esterna tal-ippakkjar. Dan huwa l-għadd ta' oġġetti individwali ppakkjati b'tali mod li ma jistgħux jiġu diviżi mingħajr ma l-ewwel jiżżarma l-ippakkjar, jew l-għadd ta' biċċiet, jekk ma jkunux ippakkjati.

Din l-informazzjoni ma għandhiex tingħata meta l-oġġetti jkunu fi kwantità.

6/11. ***Marki tat-trasport***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Forma libera ta' deskrizzjoni tal-marki u n-numri fuq l-unitajiet jew fuq il-pakketti tat-trasport.

Il-kolonna I1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Din l-informazzjoni għandha tingħata biss għal merkanzija ppakkjata fejn applikabbli. Fejn il-merkanzija tkun f'kontejners, in-numru tal-kontejner jista' jissostitwixxi l-marki tat-trasport, li madankollu jista' jingħata mill-operatur ekonomiku fejn dan ikun disponibbli. Il-marki tat-trasport jistgħu jiġu sostitwiti bil-UCR jew bir-referenzi fid-dokument tat-trasport li jippermettu l-identifikazzjoni minghajr ambigwità tal-pakketti kollha fil-konsenja.

6/13. ***Kodiċi tal-Unjoni Doganali u l-Istatistika (CUS)***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

In-numru tal-Unjoni Doganali u tal-Istatistika (CUS) huwa l-identifikatur assenjat fl-Inventarju Doganali Ewropew tas-Sustanzi Kimiċi (ECICS) prinċipalment għal sustanzi u preparazzjonijiet kimiċi.

Id-dikjarant jista' jipprovdi dan il-kodiċi fuq bażi volontarja fejn ma tkunx teżisti miżura stabbilita fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni kif ippubblikata fit-TARIC għall-merkanzija kkonċernata, jiġifieri fejn l-għoti ta' dan il-kodiċi jkun jirrappreżenta piż inqas minn deskrizzjoni testwali sħiħa tal-prodott.

Il-kolonna H1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Meta l-merkanzija kkonċernata tkun soġġetta għal miżura stabbilita fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni kif ippubblikata fit-TARIC b'rabta mal-kodiċi tas-CUS, il-kodiċi tas-CUS għandu jiġi pprovdut.

6/14. ***Kodiċi tal-komodità — Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda***

Il-kolonni H1 sa H6 u I1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Daħħal in-numru tal-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda li jikkorrispondi mal-oġġett inkwistjoni.

6/15. ***Kodiċi tal-komodità — Kodiċi TARIC***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal is-subintestatura tat-TARIC li tikkorrispondi mal-oġġett inkwistjoni.

6/16. ***Kodiċi tal-komodità – Kodiċi(jiet) addizzjonali tat-TARIC***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-kodiċi(jiet) addizzjonali tat-TARIC li jikkorrispondi/u mal-oġġett inkwistjoni.

6/17. ***Kodiċi tal-komodità – Kodiċi(jiet) nazzjonali addizzjonali***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-kodiċi(jiet) addizzjonali nazzjonali li jikkorrispondi/u mal-oġġett inkwistjoni.

6/18. ***Total ta' pakketti***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal f'ċifri n-numru totali ta' pakketti li jiffurmaw il-konsenja inkwistjoni.

6/19. ***Tip ta' merkanzija***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

In-natura tal-oġġett tat-tranżazzjoni, kodifikata.

Grupp 7 – Informazzjoni dwar it-trasport (modi, mezzi u tagħmir)

7/2. ***Kontejner***

Il-kolonni H1 sa H4 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Daħħal is-sitwazzjoni waqt il-qsim tal-fruntiera esterna tal-Unjoni bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni.

7/4. ***Mezz tat-trasport fil-fruntiera***

Il-kolonni H1 sa H4 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal il-mod tat-trasport li jikkorrispondi mal-mezz attiv tat-trasport li permezz tiegħu l-merkanzija tkun daħlet fit-territorju doganali tal-Unjoni.

Il-kolonna H5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal il-mod tat-trasport li jikkorrispondi mal-mezz attiv tat-trasport li permezz tiegħu l-merkanzija tkun daħlet fit-territorju fiskali kkonċernat.

7/5. ***Mezz ta' trasport intern***

Il-kolonni H1 sa H5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal il-mod ta' trasport mal-wasla.

7/9. ***Identità tal-mezzi ta' trasport mal-wasla***

Il-kolonni H1 u H3 sa H5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Daħħal l-identità tal-mezz tat-trasport li fuqu l-oġġetti huma direttament mgħobbija fil-waqt tal-preżentazzjoni fl-uffiċċju doganali ta' fejn jitwettqu l-formalitajiet doganali. Jekk jintuża trattur u karru b'numri ta' reġistrazzjoni differenti, daħħal in-numri ta' reġistrazzjoni kemm tat-trattur kif ukoll tal-karru.

Skont il-mezz tat-trasport ikkonċernat, jistgħu jiddaħħlu d-dettalji li ġejjin dwar l-identità:

Mezz ta' trasport	Metodu ta' identifikazzjoni
Trasport bil-baħar u permezz ta' passaġġi fuq l-ilma interni	Isem il-bastiment
Trasport bl-ajru	In-numru u d-data tat-titjira (f'każ li ma jkunx hemm numru tat-titjira, daħħal in-numru ta' reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru)
Trasport bit-triq	In-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura
Trasport bil-ferrovija	In-numru tal-vagun

7/10. ***Numru ta' identifikazzjoni tal-kontejner***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Marki (ittri u/jew numri) li jidentifikaw il-kontejner għat-trasport.

Għal modi ta' trasport minbarra bl-ajru, kontejner huwa kaxxa speċjali li fiha tinġarr il-merkanzija, li hija msaħħa u tippermetti li oġġetti jitqiegħdu fuq xulxin u li tippermetti trasferimenti orizzontali jew vertikali.

Fil-mod ta' trasport bl-ajru, il-kontejners huma kaxxi speċjali għal-ġarr tal-merkanzija, li huma msaħħa u jippermettu trasferimenti orizzontali jew vertikali.

Fil-kuntest ta' dan l-element ta' data, il-kaxxi skambjabbli u s-semitrejlers li jintużaw għal trasport stradali u ferrovjarju għandhom jitqiesu bħala kontejners.

Jekk ikun applikabbli, għal kontejners li jkunu koperti mill-istandard ISO 6346, minbarra n-numru ta' identifikazzjoni tal-kontejner għandu jingħata wkoll l-identifikatur (prefiss) allokat mill-Bureau Internazzjonali għall-Kontejners u t-Trasport Intermodali (BIC).

Għal kaxxi skambjabbli u semitrejlers għandu jintuża l-kodiċi tal-ILU (Unitajiet ta' Tagħbija Intermodali) kif introdott mill-istandard Ewropew EN 13044.

7/15. ***Nazzjonalità tal-mezz attiv tat-trasport li qed jaqsam il-fruntiera***

Il-kolonni H1, H3 sa H5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal in-nazzjonalità tal-mezz attiv ta' trasport li jkun qed jaqsam il-fruntiera esterna tal-Unjoni.

Fil-każ ta' trasport bejn numru ta' moduli jew jekk ikun hemm diversi mezzi tat-trasport, il-mezz attiv ta' trasport għandu jkun dak li jipprovdi l-irmonk għall-grupp kollu. Pereżempju, fil-każ ta' trakk fuq bastiment tal-baħar, il-mezz attiv tat-trasport huwa l-vapur. Fil-każ ta' trattur u karru, il-mezz attiv tat-trasport huwa t-trattur.

Grupp 8 –Elementi tad-data oħrajn (data statistika, garanziji, data relatata mat-tariffi)

8/1. ***Numru tal-ordni tal-kwota***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal in-numru sekwenzjali tal-kwota tariffarja li għaliha d-dikjarant ikun qed japplika.

8/2. ***Tip ta' garanzija***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal it-tip ta' garanzija użata għall-operazzjoni.

8/3. ***Referenza tal-garanzija***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal in-numru ta' referenza tal-garanzija użata għall-operazzjoni u, jekk ikun xieraq, il-kodiċi ta' aċċess u l-uffiċċju ta' garanzija.

8/5. ***Natura tat-tranżazzjoni***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Bl-użu tal-kodiċi u l-intestaturi rilevanti tal-Unjoni, daħħal it-tip ta' tranżazzjoni kkonċernata.

8/6. ***Valur statistiku***

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-data użati:

Daħħal il-valur statistiku espress fl-unità tal-munita li l-kodiċi tagħha jista' jinsab f'E.D. 4/12 Unità tal-munita interna, jew, jekk ma jkunx hemm kodiċi bħal dan f'E.D. 4/12 Unità tal-munita interna, fil-munita tal-Istat Membru fejn jitwettqu l-formalitajiet tal-esportazzjoni/importazzjoni, skont id-dispożizzjonijiet tal-Unjoni fis-seħħ."